IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

ISSN 1831-0907

Rapport Speċjali Nru 23 2012

# IL-MIŻURI STRUTTURALI TAL-UE APPOĠĠAW B'SUĊĊESS IR-RIĠENERAZZJONI TA' SITI INDUSTRIJALI U MILITARI ABBANDUNATI?

eca 1977 – 2012

MT

Rapport Speċjali Nru 23 // 2012

# IL-MIŻURI STRUTTURALI TAL-UE APPOĠĠAW B'SUĊĊESS IR-RIĠENERAZZJONI TA' SITI INDUSTRIJALI U MILITARI ABBANDUNATI?

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Telefown: +352 4398-1
Faks: +352 4398-46410
E-mail: eca-info@eca.europa.eu
Internet: http://eca.europa.eu

Rapport Speċjali Nru 23 // 2012

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.
Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2013

ISBN 978-92-9241-102-2
doi:10.2865/58152

© L-Unjoni Ewropea, 2012
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

*Printed in Luxembourg*

# WERREJ

Paragrafu

GLOSSARJU

I–IV SOMMARJU EŻEKUTTIV

1–12 INTRODUZZJONI

1–3 SITI ABBANDUNATI FL-UE

4–6 INTERVENTI MILL-UE GĦAR-RIĠENERAZZJONI TA' SITI INDUSTRIJALI U MILITARI ABBANDUNATI

7–12 MIŻURI STRUTTURALI TAL-UE LI JIKKOFINANZJAW IR-RIĠENERAZZJONI TA' SITI ABBANDUNATI

13–17 AMBITU U OBJETTIVI TAL-VERIFIKA

18–58 OSSERVAZZJONIJIET

18–34 IL-PROĠETTI TA' RIĠENERAZZJONI KOFINANZJATI MILL-UE LAĦQU L-OBJETTIVI TAGĦHOM?

22–25 IR-RIŻULTATI TAR-RIMEDJU MHUX DEJJEM JIĠU ĊĊERTIFIKATI B'MOD XIERAQ

26–30 IL-BIĊĊA L-KBIRA TAL-PROĠETTI LAĦQU L-OBJETTIVI TAGĦHOM F'DAK LI JIRRIGWARDA EŻITI FIŻIĊI, IŻDA F'ĦAFNA KAŻIJIET L-OKKUPAZZJONI FUTURA INTENZJONATA TAL-ART ŻVILUPPATA MILL-ĠDID U TAL-BINI GĦADHA TRID TIMMATERJALIZZA

31 L-ATTIVITAJIET EKONOMIĊI ĦOLQU INQAS IMPJIEGI MILLI ANTIĊIPAT

32–34 IL-PROĠETTI KOLLHA KELLHOM XI KARATTERISTIĊI EWLENIN LI KELLHOM EFFETT POŻITTIV FUQ IS-SOSTENIBBILTÀ TAGĦHOM

35–45 L-IMMIRAR TAL-APPOĠĠ MILL-UE GĦAR-RIĠENERAZZJONI TA' SITI INDUSTRIJALI U MILITARI KIEN IBBAŻAT FUQ KRITERJI ROBUSTI?

37–42 L-ISTATI MEMBRI KOLLHA GĦANDHOM POLITIKA TA' RIĠENERAZZJONI TA' SITI ABBANDUNATI BBAŻATA FUQ GĦADD TA' PRINĊIPJI RIKONOXXUTI ...

43–44 ... IŻDA N-NUQQAS TA' REĠISTRI KOMPLETI U XIERQA TA' SITI ABBANDUNATI LI JKOPRU WKOLL SITI KONTAMINATI JIKKOMPLIKA L-ISTABBILIMENT TA' PRIJORITAJIET

45 JISTA' JSIR AKTAR GĦALL-PROMOZZJONI TAL-AĦJAR PRATTIKI TA' RIĠENERAZZJONI

46–58 INKISBU R-RIŻULTATI BL-INQAS SPIŻA GĦALL-BAĠIT TAL-UE?

48 IL-ĦTIEĠA TA' APPOĠĠ PUBBLIKU, INKLUŻI FONDI TAL-UE, MHUX DEJJEM ĠIET IVVALUTATA U ...

49 ... META JITWETTQU, IL-VALUTAZZJONIJIET TAD-DISKREPANZA FIL-FINANZJAMENT JIPPREŻENTAW NUQQASIJIET

50–55 L-AWTORITAJIET HUMA KONXJI TAL-PRINĊIPJU TA' MIN INIĠĠES IĦALLAS, IŻDA F'EBDA KAŻ DAK LI NIĠĠES MA ĠARRAB L-ISPIŻA SĦIĦA TAD-DEKONTAMINAZZJONI

56 REGOLI DWAR L-GĦAJNUNA MILL-ISTAT MHUX APPLIKATI B'MOD XIERAQ

57–58 HEMM AMBITU LIMITAT GĦAT-TREĠĠIGĦ LURA TA' APPOĠĠ PUBBLIKU META PROĠETTI TA' RIĠENERAZZJONI JIĠĠENERAW AKTAR DĦUL MILLI MISTENNI

59–73 KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

59–63 KONKLUŻJONI KUMPLESSIVA

64–65 ILĦUQ TAL-OBJETTIVI TA' RIĠENERAZZJONI TA' SITI INDUSTRIJALI U MILITARI

66–68 KRITERJI GĦALL-ALLOKAZZJONI TA' APPOĠĠ MILL-UE GĦAR-RIĠENERAZZJONI TA' SITI INDUSTRIJALI U MILITARI

69–73 IL-KOST TAR-RIŻULTATI MIKSUBA

ANNESS I — FINANZJAMENT TAR-RIĠENERAZZJONI TA' SITI INDUSTRIJALI U MILITARI, TAĦT IL-MIŻURI STRUTTURALI (PERJODI 2000-2006 U 2007-2013)

ANNESS II — KAMPJUN TA' 27 PROĠETT IVVERIFIKATI

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

# GLOSSARJU

**Awtorità ta' ġestjoni**: Awtorità pubblika nazzjonali, reġjonali jew lokali jew inkella korp pubbliku jew privat nominat mill-Istat Membru għall-ġestjoni ta' Programm Operazzjonali.

**Beneficjarju**: Persuna ġuridika pubblika jew privata li tirċievi appoġġ mill-FEŻR jew mill-FK sabiex tirriġenera sit abbandunat (kultant issir referenza għaliha wkoll bħala l-'promotur' jew inkella f'dan ir-rapport bħala "żviluppatur" ukoll). Ta' sikwit il-benefiċjarju jbigħ jew jikri ħbula art jew binjiet lil investituri wara r-riġenerazzjoni tas-sit.

**EEA**: Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. Il-membri tal-EEA huma s-27 Stat Membru tal-UE flimkien mal-Islanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja, l-Isvizzera u t-Turkija.

**Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)**: Strument finanzjarju mfassal biex jippromwovi koeżjoni ekonomika u soċjali bejn ir-reġjuni tal-UE. Interventi tal-FEŻR huma prinċipalment implimentati permezz ta' programmi operazzjonali li jkopru għadd kbir ta' proġetti.

**Fond ta' Koeżjoni (FK)**: Strument finanzjarju mfassal biex isaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali billi jiffinanzja proġetti ambjentali u tat-trasport fi Stati Membri b'PNG *per capita* ta' inqas minn 90 % tal-medja tal-UE.

**Maħdar**: Art mhux żviluppata f'belt jew żona rurali użata għall-agrikoltura, jew għat-tfassil ta' pajsaġġ jew inkella miżmuma għan-natura.

**Metodu ta' diskrepanza fil-finanzjament**: Metodu li għandu l-għan li jiżgura li proġetti li jiġġeneraw dħul jirċievu biss ir-riżorsi pubbliċi meħtieġa, u b'hekk jiġi evitat finanzjament eċċessiv mhux ġustifikat. L-għotja ma tistax teċċedi d-differenza bejn l-ispejjeż skontati u d-dħul nett skontat tal-proġett.

**Miżuri Strutturali**: F'dan ir-rapport, interventi mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u mill-Fond ta' Koeżjoni.

**Netwerk għal Art Industrijalment Kontaminata fl-Ewropa (NICOLE)**: Forum dwar l-amministrazzjoni ta' art kontaminata fl-Ewropa. L-għan tal-forum huwa l-promozzjoni ta' kooperazzjoni bejn l-industrija, l-akkademiċi u l-fornituri ta' servizzi fir-rigward tal-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' teknoloġiji sostenibbli għall-amministrazzjoni ta' art kontaminata minn attivitajiet industrijali u kummerċjali. Oriġinarjament NICOLE kien appoġġat mill-UE taħt ir-Raba' Programm Kwadru għar-Riċerka.

**Netwerk ta' Azzjoni Miftiehma dwar ir-Riġenerazzjoni ta' Siti Abbandunati u dik Ekonomika (CABERNET)**: Netwerk Ewropew ta' esperti li jindirizza l-kwistjonijiet li jitqajmu mir-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati. L-għan tan-netwerk huwa t-titjib tar-riabilitazzjoni ta' siti abbandunati fi ħdan il-kuntest ta' żvilupp sostenibbli, permezz tal-qsim ta' esperjenzi minn madwar l-Ewropa kollha, il-forniment ta' għodod u ta' strateġiji ta' ġestjoni ġodda u qafas għal attivitajiet koordinati ta' riċerka. Oriġinarjament CABERNET kien appoġġat mill-UE taħt il-Ħames Programm Kwadru għar-Riċerka.

**Perjodu ta' programmar**: Il-qafas multiannwali li fih l-infiq tal-Fondi Strutturali u tal-Fond ta' Koeżjoni huwa ppjanat u implimentat.

**Proġett maġġuri**: Proġett li jitlob kofinanzjament mill-FEŻR jew mill-FK li l-kost totali tiegħu jaqbeż l-EUR 50 miljun. Proġetti bħal dawn tipikament jinkludu xogħlijiet, attivitajiet jew servizzi multipli intenzjonati biex jitwettaq kompitu indiviżibbli ta' natura preċiża ekonomika jew teknika, b'għanijiet identifikati b'mod ċar.

**Programm Operazzjonali (PO)**: Programm approvat mill-Kummissjoni ta' investimenti minn Stat Membru li qiegħed jirċievi Fondi Strutturali, li jieħu l-għamla ta' sett koerenti ta' prijoritajiet li jinkludu miżuri multiannwali.

**Riġenerazzjoni / rimedju / żvilupp mill-ġdid**: Bħalma jinftiehem f'dan ir-rapport, ir-riġenerazzjoni ta' siti industrijali u militari tista' tinkludi żewġ tipi ta' azzjonijiet, skont l-istat tas-sit:

(a) rimedju: azzjoni biex l-art tiġi stabbilizzata u biex jitneħħew, jiġu kontrollati, jitrażżnu jew jitnaqqsu sustanzi niġġiesa mill-ħamrija, l-ilma tas-superfiċje, l-ilma ta' taħt l-art, il-veġetazzjoni u l-bini sabiex sit degradat ma jkompli joħloq ebda riskju sinifikanti lill-bnedmin jew inkella lill-ambjent, filwaqt li jitqies l-użu tiegħu attwali u futur approvat.

(b) żvilupp mill-ġdid: azzjoni fuq sit mhux kontaminat, jew bħala t-tieni fażi fuq sit rimedjat, għat-tħejjija ta' art u bini għall-użu intenzjonat finali tagħhom. Żvilupp mill-ġdid jista' jinkludi t-twaqqigħ ta' bini qadim, it-tisbiħ tal-pajsaġġ, id-diviżjonar tal-art u l-installazzjoni ta' infrastruttura bażika bħal utilitajiet u toroq, u kultant xogħlijiet ta' bini.

**Sħubija pubblika-privata (PPP)**: Entità li s-sidien tagħha huma s-settur pubbliku u dak privat b'mod konġunt, stabbilita għat-twettiq ta' xogħlijiet ta' riġenerazzjoni.

**Sit abbandunat**: Sit li ntlaqat mill-użu preċedenti tiegħu (għall-iskopijiet ta' dan ir-rapport, industrijali jew militari) jew dak tal-art ta' madwaru, huwa mitluq jew mhux użat biżżejjed u jirrikjedi intervent biex jinġieb lura għall-użu ta' benefiċċju tiegħu. Huwa jista' jkun, jew ma jkunx, kontaminat.

**Sit kontaminat**: Sit fejn hemm preżenza konfermata, ikkawżata minn attivitajiet tal-bniedem, ta' sustanzi perikolużi f'livell meqjus bħala li joħloq riskju sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent. Dan ir-riskju huwa evalwat filwaqt li jitqies l-użu attwali u futur approvat tal-art. Il-kategoriji l-aktar frekwenti ta' siti kontaminati huma siti industrijali u militari abbandunati, miżbliet u art agrikola.

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

**I.**
F'dawn l-aħħar għexieren ta' snin, aktar u aktar siti industrijali u militari mitluqa (hekk imsejħa siti abbandunati) saru disponibbli. L-għadd tagħhom fl-Ewropa huwa stmat li jinsab fil-firxa ta' bejn ftit mijiet fi Stati Membri żgħar u ftit mijiet ta' eluf fi Stati Membri akbar b'imgħoddi industrijali għani. Ħafna siti abbandunati huma kontaminati. Ir-riġenerazzjoni u l-użu mill-ġdid ta' siti abbandunati huma promossi mill-Miżuri Strutturali tal-UE għall-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent u għall-mitigazzjoni ta' tifrix urban.

**II.**
Fil-verifika tagħha, il-Qorti vvalutat jekk l-objettivi tal-proġetti ntlaħqux, jekk l-immirar tal-appoġġ mill-UE kienx ibbażat fuq kriterji robusti u jekk ir-riżultati nkisbux bil-prezz l-aktar baxx għall-baġit tal-UE. Il-Qorti vverifikat direttament il-prestazzjoni ta' 27 proġett ta' riġenerazzjoni u analizzat l-għodod ta' riġenerazzjoni ta' siti abbandunati tal-Istati Membri, li huma l-qafas għal interventi speċifiċi kofinanzjati.

**III.**
Il-Qorti kkonkludiet li:

(a) Ir-riżultati tax-xogħlijiet ta' rimedju mhux dejjem jiġu ċċertifikati b'mod xieraq u hemm differenzi kbar bejn il-valuri ta' skrinjar nazzjonali tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-proġetti laħqu l-objettivi tagħhom f'dak li jirrigwarda prodotti fiżiċi, f'ħafna każijiet l-okkupazzjoni futura intenzjonata tal-art żviluppata mill-ġdid u tal-bini għadha ma mmaterjalizzatx; il-ħolqien ta' impjiegi kien aktar baxx milli mistenni. Żewġ fatturi prinċipali jikkontribwixxu għal spjegazzjoni tar-riżultati modesti miksuba: it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku u n-nuqqas ta' analiżi tajba tas-suq li tiġġustifika l-iżvilupp tas-siti - jew il-fatt li din l-analiżi ma tqisitx. Il-proġetti kollha kellhom xi karatteristiċi ewlenin li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà tagħhom fuq żmien itwal, iżda żewġ terzi biss kienu parti minn pjan ta' żvilupp integrat.

(b) Fl-Istati Membri kollha tiġi implimentata politika dwar siti abbandunati prinċipalment permezz ta' strumenti ta' ppjanar lokali, li jippromovu l-applikazzjoni ta' xi wħud mill-aħjar prattiki ewlenin, jiġifieri r-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati minflok żviluppi ta' siti f'maħdara, filwaqt li l-użu interim ta' siti abbandunati kważi qatt ma jiġi promoss. Madankollu, in-nuqqas ta' reġistri kompleti u xierqa ta' siti abbandunati li jkopru wkoll siti kontaminati jikkomplika l-istabbiliment ta' prijoritajiet. Ir-regolamenti tal-Fondi Strutturali ma jirrikjedux pjan ta' żvilupp integrat u l-użu mill-ġdid ta' siti abbandunati minflok siti maħdara mhuwiex appoġġat b'mod adegwat.

(c) Setgħu nkisbu riżultati bi spiża mnaqqsa għall-baġits nazzjonali u tal-UE, peress li għal disa' proġetti l-għotja ma ġietx ġustifikata minn valutazzjoni tad-dħul u, meta ġie vvalutat id-dħul, ġew osservati nuqqasijiet f'nofs il-każijiet. Il-fondi nazzjonali u tal-UE wkoll ġarrbu parti mill-ispiża tar-rimedju ambjentali, peress li ma ġiex applikat għalkollox il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas u ma tqisux ċerti regoli ta' għajnuna mill-Istat. Dispożizzjonijiet fir-regolamenti tal-Fondi Strutturali u klawżoli speċifiċi fid-deċiżjonijiet ta' għotja għal proġetti ta' riġenerazzjoni ma jagħtux biżżejjed possibbiltà għat-treġġigħ lura ta' appoġġ pubbliku jekk il-proġetti jiġġeneraw aktar dħul milli mistenni.

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

**IV.**
Il-Qorti tirrakkomanda li:

(a) L-Istati Membri jitolbu lill-promoturi jwettqu analiżi tas-suq u jqisu l-alternattivi relevanti għall-użu possibbli ta' siti abbandunati fil-futur. Huma għandhom jirrikjedu li proġetti ta' riġenerazzjoni ta' siti abbandunati jkunu parti minn pjan ta' żvilupp integrat u li r-riżultati tar-rimedju jiġu ċċertifikati minn awtorità kompetenti jew korp akkreditat.

(b) L-Istati Membri jqisu l-istabbiliment ta' strateġiji ta' riġenerazzjoni ta' siti abbandunati b'miri ċari; jevitaw l-użu ta' siti f'maħdara dment li ma jkunx strettament meħtieġ u fin-nuqqas ta' dan jirrikjedu l-applikazzjoni ta' miżuri ta' kumpens; iqisu miżuri biex jiġu indirizzati siti problematiċi li huma proprjetà privata fejn il-proprjetarju jonqos milli jieħu l-azzjoni meħtieġa; u jqisu l-possibbiltà li jsir użu interim aktar frekwenti ta' siti riġenerati bħala maħdara u li joħolqu reġistri ta' siti abbandunati u kontamintai b'biżżejjed informazzjoni standardizzata għall-prijoritizzazzjoni ta' interventi.

(c) L-Istati Membri jivvalutaw id-diskrepanza fil-finanzjament b'mod rigoruż għal kull proġett. Huma għandhom jirrikjedu li l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas issir kundizzjoni għall-għoti ta' finanzjament mill-UE. Huma għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-iskemi ta' għajnuna mill-Istat li fuqhom sar qbil mal-Kummissjoni. Huma għandhom jinkludu klawżola ta' rimborż fid-deċiżjonijiet kollha ta' għotja għal proġetti ta' riġenerazzjoni biex huma jkollhom il-possibbiltà jivvalutaw il-prestazzjoni finanzjarja ta' proġetti mill-ġdid fid-dawl ta' żviluppi matul perjodu itwal (ngħidu aħna 15-il sena), u biex, fejn proġetti jkunu ġġeneraw aktar dħul milli mistenni, parti mill-għotja jew inkella l-għotja kollha tkun tista' titreġġa' lura. Il-Kummissjoni għandha ssegwi l-applikazzjoni ta' klawżoli ta' rimborż bħal dawn.

(d) Il-Kummissjoni tipproponi, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri u abbażi ta' evidenza xjentifika u l-aħjar prattiki, standards tal-UE għad-definizzjoni ta' siti kontaminati u s-sinifikat tar-riskji li dawn joħolqu għall-ambjent u għas-saħħa, kif ukoll metodoloġija għad-definizzjoni ta' standards ta' rimedju speċifiċi għas-sit li jqisu l-użu finali tas-sit. Hija għandha tippromovi l-applikazzjoni ta' approċċ ta' żvilupp integrat billi tirrikjedi l-inklużjoni ta' proġetti ta' riġenerazzjoni ta' siti abbandunati kofinanzjati fi pjan ta' żvilupp integrat.

(e) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jappoġġaw l-applikazzjoni tal-aħjar prattiki fir-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati u jagħtu preferenza għar-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati minflok għall-użu ta' siti f'maħdara.



**Ritratt 1 – Rinnovament u konverżjoni ta' torri ikoniku fiċ-ċentru ta' belt ġo impjant elettriku mitluq li qiegħed jiġi kkonvertit f'ċentru tal-arti u l-kultura (Łódź, il-Polonja)**

# INTRODUZZJONI

## SITI ABBANDUNATI FL-UE

1. F'dawn l-aħħar għexieren ta' snin, aktar u aktar siti industrijali u militari mitluqa (hekk imsejħa siti abbandunati) saru disponibbli. L-għadd tagħhom fl-Ewropa huwa stmat li jinsab fil-firxa ta' bejn ftit mijiet fi Stati Membri żgħar bi ftit wirt industrijali u ftit mijiet ta' eluf fi Stati Membri akbar b'imgħoddi industrijali għani[1]. Dawn is-siti ta' sikwit ikunu jinsabu f'reġjuni u żoni urbani li qegħdin f'taħsir ekonomiku u soċjali. Ir-riġenerazzjoni ta' siti industrijali u militari abbandunati għandha riperkussjonijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali sinifikanti.



**Ritratt 2 – Pajp qiegħed jinjetta fluwidi naddafa f'art imniġġsa f'Impjant tal-Azzar (Dunaujvaros l-Ungerija)**

2. Ħafna siti abbandunati huma kontaminati, u t-tindif ta' dan il-wirt se jirrikjedi sforz miftiehem għal għexieren ta' snin li ġejjin. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) tistma li l-għadd ta' siti kontaminati huwa 250 000 u li dak ta' siti potenzjalment kontaminati, fejn tinħtieġ investigazzjoni biex jiġi stabbilit jekk hemmx rimedju rikjest, huwa 3 miljuni. F'madwar 70 % tal-każijiet, il-kontaminazzjoni ġiet ikkawżata minn użu militari jew industrijali[2].

[1] CABERNET (2006), Sustainable Brownfield Regeneration (Riġenerazzjoni Sostenibbli ta' Siti Abbandunati) (abbażi ta' *data* miġbura mill-Istati Membri mill-aħħar parti tad-disgħinijiet sal-bidu tas-snin elfejn).

[2] EEA (2007), "Progress in management of contaminated sites" (Progress fl-amministrazzjoni ta' siti kontaminati) (CSI 015). Sorsi oħra ta' kontaminazzjoni huma miżbliet ta' skart u attivitajiet agrikoli.

3. Ir-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati twassal għal kisbiet differenti possibbli: attivitajiet ekonomiċi, spazji pubbliċi jew riżervi tal-art. Fir-rigward ta' attivitajiet ekonomiċi, l-iżvilupp mill-ġdid jinkludi l-kostruzzjoni ta' bini jew għandu l-għan li jrendi ħbula art lesti għall-bejgħ lill-investituri. Dan jista' jsir permezz ta' promotur privat jew pubbliku. Attivitajiet ekonomiċi biss huma mistennija li joħolqu impjiegi (ara l-***Figura 1***).

## INTERVENTI MILL-UE GĦAR-RIĠENERAZZJONI TA' SITI INDUSTRIJALI U MILITARI ABBANDUNATI

4. Ir-riġenerazzjoni hija ttrattata bħala dimensjoni tal-politika ambjentali u l-iżvilupp spazjali fl-Istati Membri.

**FIGURA 1**

**ATTIVITAJIET TA' RIĠENERAZZJONI TA' SITI INDUSTRIJALI U MILITARI, U KISBIET POTENZJALI**




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

**5.** Direttivi ambjentali tal-UE huma partikolarment relevanti fejn il-kontaminazzjoni hija problema fuq sit. Direttivi bħal dawn jiffukaw fuq il-prevenzjoni tal-kontaminazzjoni[3] u fuq l-amministrazzjoni u l-kontroll tal-ilma tas-superfiċje u l-ilma ta' taħt l-art[4].

**6.** Approċċ ta' żvilupp integrat u l-użu mill-ġdid ta' siti abbandunati bħala preferenza minflok siti f'maħdara huma promossi fil-Politika ta' Koeżjoni[5].



**Ritratt 3 – Tħejjija ta' strutturi ġodda f'dak li qabel kien impjant tal-elettriku (Łódź, il-Polonja)**

[3] Id-Direttiva 2008/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 (ĠU L 24 tad-29.1.2008, p. 8) li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE tal-24 ta' Settembru 1996 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis (ĠU L 257, 10.10.1996, p. 26), id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali, (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17) u d-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (id-Direttiva ELD) (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56).

[4] Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1) u d-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19).

[5] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/702/KE tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar il-linji gwida strateġiċi Komunitarji dwar il-koeżjoni (ĠU L 291, 21.10.2006, p. 11); COM(2004) 60 final – Lejn strateġija tematika dwar l-ambjent urban (mhux traduzzjoni uffiċjali); COM(1999) 344 final - Il-Fondi Strutturali u l-koordinazzjoni tagħhom mal-Linji Gwida tal-Fond ta' Koeżjoni għal programmi fil-perjodu 2000 sa 2006 (traduzzjoni mhux uffiċjali); Linji Gwida tal-Kummissjoni għall-Inizjattiva tal-Komunità URBAN II adottata fit-28 ta' April 2000 (traduzzjoni mhux uffiċjali).

## MIŻURI STRUTTURALI TAL-UE LI JIKKOFINANZJAW IR-RIĠENERAZZJONI TA' SITI ABBANDUNATI

**7.** Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK) jistgħu jikkofinanzjaw ir-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati fir-reġjuni eliġibbli tal-Istati Membri. Minn hawn 'il quddiem, issir referenza għaż-żewġ fondi bħala Miżuri Strutturali. L-appoġġ jista' jikseb 85 % tal-infiq eliġibbli għal proġett speċifiku[6].

**8.** It-total tal-finanzjament allokat għar-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati għaż-żewġ perjodi koperti mill-veriifka, bl-Istati Membri prinċipali kkonċernati, jintwera fit-***Tabella 1***. Tingħata ħarsa ġenerali skont l-Istat Membru fl-***Anness I***.

**9.** Proġetti kofinanzjati jikkonċernaw attivitajiet differenti ta' riġenerazzjoni:

- ir-rimedju ta' art instabbli u kontaminata (ara r-***Ritratti 2*** u ***9***),
- l-iżvilupp ta' siti mill-ġdid[7] (ara r-***Ritratt 7***),
- jew ir-riġenerazzjoni sħiħa ta' siti abbandunati kontaminati li jikkombinaw kemm il-miżuri ta' rimedju kif ukoll dawk ta' żvilupp mill-ġdid (ara r-***Ritratti 1, 3, 4, 5, 6, 8*** u ***10***).

[6] Sa mill-2007, l-Istati Membri setgħu jagħżlu li jinvestu parti mill-pakketti tal-Miżuri Strutturali tal-UE tagħhom f'fondi JESSICA li jistgħu jerġgħu jintużaw biex jgħinu jirriċiklaw ir-riżorsi finanzjarji u jaċċelleraw l-investiment f'żoni urbani tal-Ewropa. Fiż-żmien tal-verifika, fondi bħal dawn kienu fl-istadji bikrin li jiġu stabbiliti u ammont żgħir ħafna minnhom kienu ddedikati għar-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati.

[7] Żviluppi residenzjali ma kinux eliġibbli għal appoġġ finanzjarju mill-FEŻR u mill-FK fil-perjodi ta' programmar ikkonċernati mill-verifika.

**TABELLA 1**

### FINANZJAMENT ALLOKAT GĦAR-RIĠENERAZZJONI TA' SITI ABBANDUNATI U L-ISTATI MEMBRI PRINĊIPALI KKONĊERNATI

| | 2000-2006 | 2007-2013 |
|---|---|---|
| Finanzjament allokat | EUR 2,3 biljun | EUR 3,4 biljun |
| Benefiċjarji prinċipali | Il-Ġermanja, ir-Renju Unit, Franza | L-Ungerija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, ir-Rumanija, l-Italja, il-Polonja |

*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, abbażi ta' *data* miġbura mill-Kummissjoni.

**10.** Proġetti kofinanzjati huma parti minn programmi operazzjonali implimentati taħt ġestjoni kondiviża, fejn il-Kummissjoni terfa' r-responsabbiltà aħħarija għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE[8]. B'mod partikolari:

(a) il-Kummissjoni tinnegozja u tapprova programmi proposti mill-Istati Membri, u talloka riżorsi;

(b) l-Istati Membri/ir-reġjuni jġestu l-programmi, jimplimentawhom billi jagħżlu proġetti, jikkontrollawhom u jivvalutawhom;

(c) il-Kummissjoni hija involuta fil-monitoraġġ ta' programmi, timpenja u tħallas l-infiq approvat u twettaq verifikazzjoni tas-sistemi ta' kontroll.

**11.** Matul il-perjodu ta' programmar 2000-2006, kien hemm proċedura ta' approvazzjoni speċifika mill-Kummissjoni għall-proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni u għall-proġetti maġġuri tal-FEŻR (proġetti li l-kost totali tagħhom qabeż l-EUR 50 miljun). Għall-perjodu ta' programmar 2007-2013, huma biss proġetti li jqumu aktar minn EUR 50 miljun li jridu jiġu approvati mill-Kummissjoni[9].

**12.** Żewġ Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni għandhom rwol sinifikanti fil-qasam tar-riġenerazzjoni ta' siti industrijali u militari.

- Id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana huwa responsabbli mill-baġit tal-UE fil-qasam tal-politika reġjonali, li taħtu tiġi kofinanzjata r-riġenerazzjoni ta' siti industrijali u militari.

- Id-DĠ Ambjent huwa responsabbli mill-politika ambjentali tal-UE. Huwa meħtieġ jimmonitorja l-implimentazzjoni u l-ilħuq ta' miri speċifiċi tad-direttivi relevanti u jiġi kkonsultat mid-DĠ Politika Reġjonali u Urbana dwar il-kwalità tal-proposti għal programmi operazzjonali u proġetti kbar[10].

8 L-Artikolu 17(1) tat-TUE u l-Artikolu 317 tat-TFUE.

9 Mill-1 ta' Jannar 2007 sal-25 ta' Ġunju 2010 l-ammont kien ta' EUR 25 miljun fil-każ ta' proġetti ambjentali.

10 Matul il-perjodu ta' programmar 2000-2006 d-DĠ Ambjent ukoll ġie kkonsultat mid-DĠ Politika Reġjonali u Urbana fir-rigward ta' applikazzjonijiet għal proġetti taħt il-Fond ta' Koeżjoni.

# AMBITU U OBJETTIVI TAL-VERIFIKA

**13.** L-objettiv prinċipali tal-verifika kien il-valutazzjoni ta' jekk il-Miżuri Strutturali tal-UE appoġġawx b'suċċess ir-riġenerazzjoni ta' siti industrijali u militari abbandunati.

**14.** Il-Qorti vvalutat jekk:

- il-proġetti ta' riġenerazzjoni kofinanzjati mill-UE laħqux l-objettivi tagħhom;
- l-immirar tal-appoġġ tal-UE għar-riġenerazzjoni ta' siti industrijali u militari kienx ibbażat fuq kriterji robusti;
- inkisbux ir-riżultati bl-inqas spiża għall-baġit tal-UE.

**15.** Il-verifika twettqet minn Marzu sa Diċembru 2011 fil-Kummissjoni u fil-ħames Stati Membri li rrappreżentaw il-biċċa l-kbira tan-nefqa relatata ma' proġetti ffinanzjati matul il-perjodi ta' programmar 2000-2006 u 2007-2013: il-Ġermanja, ir-Renju Unit, l-Ungerija, il-Polonja u r-Repubblika Ċeka.

**16.** Ġie eżaminat kampjun ta' 27 proġett iffinanzjati mill-FEŻR jew mill-FK, li jiswew total ta' EUR 231 miljun f'kofinanzjament mill-UE (ara l-***Anness II***):

- 4 minn dawn is-27 proġett kienu jinvolvu azzjonijiet ta' rimedju biss, 6 kienu jinvolvu azzjonijiet ta' żvilupp mill-ġdid biss u 17 kienu jinvolvu kemm rimedju kif ukoll żvilupp mill-ġdid;
- 23 mis-27 proġett kellhom il-ħolqien ta' impjiegi bħala objettiv;
- għall-perjodu 2000-2006 kienu inklużi biss fil-kampjun dawk il-proġetti li kienu ġew ikkompletati (22 proġett), filwaqt li għall-perjodu 2007-2013 ġew inklużi proġetti li kienu għadhom għaddejjin (5 proġetti)[11];
- 22 proġett tal-FEŻR fil-kampjun ġew approvati mill-awtoritajiet ta' ġestjoni fil-livell tal-Istat Membru, filwaqt li l-5 l-oħra (4 proġetti maġġuri tal-FEŻR u proġett wieħed tal-FK) ukoll ġew approvati mill-Kummissjoni.

[11] L-implimentazzjoni ta' proġett inġenerali tieħu bosta snin. Dan huwa għalfejn proġetti kkompletati kellhom jintgħażlu mill-perjodu ta' programmar 2000-2006 li għalihom il-Ġermanja u r-Renju Unit kienu l-benefiċjarji prinċipali u ntgħażlu għall-verifika.



**Ritratt 4 – Toroq u installazzjonijiet ta' utilitajiet qegħdin jinbnew fuq is-sit ta' dawk li qabel kienu munzelli gagazza (Jaworzno, il-Polonja)**

**17.** Il-fajls tal-proġetti ġew analizzati għand il-Kummissjoni, għand l-awtorità ta' ġestjoni tal-programm operazzjonali kkonċernat u fil-livell tal-benefiċjarju. It-tim tal-verifika intervista rappreżentanti tal-Kummissjoni, awtoritajiet reġjonali u lokali li kienu inkarigati minn żvilupp spazjali u kumpaniji pubbliċi jew privati responsabbli mit-tfassil u mill-implimentazzjoni ta' proġetti ta' żvilupp u ta' rimedju magħżula.

# OSSERVAZZJONIJIET

## IL-PROĠETTI TA' RIĠENERAZZJONI KOFINANZJATI MILL-UE LAĦQU L-OBJETTIVI TAGĦHOM?

**18.** Il-kisbiet tar-riġenerazzjoni jistgħu jitkejlu permezz ta' indikaturi tal-prodotti, li jirriflettu l-implimentazzjoni ta' aspetti fiżiċi, u indikaturi tar-riżultati, li għandhom jirriflettu l-punt sa fejn ġew issodisfati l-ħtiġijiet li għandhom jiġu indirizzati mill-proġett[12].

**19.** Firxa tal-aħjar prattiki huma ġeneralment aċċettati[13] bħala li għandhom effett pożittiv fuq is-sostenibbiltà ta' sit riġenerat u l-kisbiet tiegħu fit-tul, inklużi:

- iċ-ċertifikazzjoni ta' xogħlijiet ta' dekontaminazzjoni minn awtorità kompetenti jew korp akkreditat;
- rispett tar-regoli ta' ppjanar spazjali fir-reġjun ikkonċernat;
- l-eżistenza ta' pjan ta' żvilupp integrat li jimmira lejn setturi partikolari tan-negozju u impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) li aktar jixirqu l-isfond soċjoekonomiku taż-żona, filwaqt li jitqiesu oqsma partikolari ta' għarfien, ħiliet disponibbli u rabtiet ma' istituzzjonijiet lokali tar-riċerka jew akkademiċi; dawn il-pjanijiet għandhom ukoll jistabbilixxu żviluppi residenzjali, fit-trasport u fid-divertiment biex tittejjeb l-attrattività taż-żona u l-ħolqien ta' impjiegi għall-komunità lokali;
- servizzjar adegwat tas-sit (aċċess mit-toroq, trasport pubbliku, elettriku u ilma, sanità, konnessjoni tal-broadband eċċ).

**20.** Dawk l-attivitajiet ta' riġenerazzjoni li l-promotur ikun impenja ruħu li jwassal, jistgħu jitfissru bħala endoġeniċi għax, fil-prinċipju, dawn il-fatturi jibqgħu fi ħdan l-isfera diretta ta' influwenza tiegħu. Madankollu hemm ħafna fatturi oħra, bħal kundizzjonijiet ekonomiċi ġenerali[14], li għandhom influwenza importanti fuq il-kisba tar-riżultati. Dawn il-fatturi eżoġeniċi mhux bilfors jinsabu fi ħdan l-isfera diretta ta' influwenza tal-promotur.

[12] Eżempji ta' indikaturi jinkludu livelli ta' konċentrazzjoni ta' kontaminanti wara r-rimedju, ettari ta' art riġenerata, spazju ta' art mibni mill-promotur, spazju ta' art mibni minn investituri wara l-ikkompletar tal-proġett, okkupanza ta' ħbula art u bini żviluppati, u għadd ta' impjiegi akkomodati mid-ditti ospitati fuq is-sit. *Sors:* Dokumenti ta' Ħidma Metodoloġiċi tad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana dwar Indikaturi ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni: "Dokument ta' Ħidma Nru 3" għall-perjodu ta' programmar 2000-2006 u d-"Dokument ta' Ħidma Nru 2" għall-perjodu ta' programmar 2007-2013. RESCUE-Administrative Tools and Incentives for Sustainable Brownfield Regeneration (RESCUE-Għodod Amministrattivi u Inċentivi għal Riġenerazzjoni Sostenibbli ta' Siti Abbandunati), il-Ħames Programm Kwadru għar-Riċerka tal-UE, l-Azzjoni 4, Lulju 2005.

[13] Kif appoġġati minn mexxejja rikonoxxuti fil-qasam, b'mod notevoli l-Bank Dinji, CABERNET u NICOLE.

[14] Dawn jistgħu wkoll jinkludu fatturi oħrajn relatati mar-reġjun li fih jinsab sit, bħal kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol.

**21.** Għall-proġetti fil-kampjun, il-Qorti eżaminat jekk:

(a) ix-xogħlijiet ta' dekontaminazzjoni kinux ġew ċertifikati minn awtorità kompetenti meta nħtieġu xogħlijiet bħal dawn;

(b) il-proġetti kinux laħqu l-objettivi tagħhom partikolarment għall-ħolqien ta' impjiegi, fejn dan kien objettiv;

(c) il-proġetti wrewx l-aħjar prattiki li kkontribwixxew għas-sostenibbiltà tar-riżultati tagħhom.



**Ritratt 5 – Park muniċipali fuq is-sit ta' dik li qabel kienet fabbrika tal-batteriji fejn twettqu xogħlijiet ta' dekontaminazzjoni u nbnew faċilitajiet ta' park (Marcali, l-Ungerija)**

### IR-RIŻULTATI TAR-RIMEDJU MHUX DEJJEM JIĠU ĊĊERTIFIKATI B'MOD XIERAQ

**22.** Iċ-ċertifikazzjoni tar-riżultati miksuba f'dak li għandu x'jaqsam ma' dekontaminazzjoni u stabbilizzazzjoni tal-art titqies bħala fattur ewlieni biex ikun żgurat in-nuqqas ta' riskji għall-ambjent u għas-saħħa, partikolarment għal investituri potenzjali, kif ukoll bħala l-aħjar prattika li tikkontribwixxi għas-sostenibbiltà tas-sit riġenerat.

**23.** Fost il-21 proġett ivverifikati li kienu jinvolvu xi rimedju, fiż-żmien tal-verifika, ix-xogħlijiet ġew ikkompletati fi 17-il każ:

- għal disgħa minn dawn il-proġetti kkompletati, ix-xogħlijiet ġew sorveljati jew iċċertifikati mill-awtorità tal-ambjent jew tat-tħaffir ta' mini tar-reġjun ikkonċernat; filwaqt li
- għat-tmien proġetti l-oħra ma kien hemm ebda sorveljanza jew ċertifikazzjoni minn awtorità bħal din.

**24.** L-identifikazzjoni ta' siti kontaminati, l-istabbiliment ta' miri għal rimedju u l-monitoraġġ huma ġestiti fil-livell tal-Istat Membru. Hemm differenzi kbar bejn il-valuri ta' skrinjar nazzjonali tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija[15], partikolarment f'dak li jirrigwarda l-livell u l-għadd ta' kontaminanti segwiti. Ma jeżisti ebda standard fil-livell tal-UE biex jiġi definit jekk sit joħloqx riskji sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem u għall-ħamrija jew għall-ilma. L-Istati Membri miżjura għandhom il-metodoloġiji tagħhom stess biex jistabbilixxu valuri ta' rimedju li għandhom jinkisbu, u ma hemm ebda metodoloġija standard bħal dan fil-livell tal-UE. Ma hemm ukoll ebda proċedura fil-livell tal-UE fir-rigward ta' kontrolli tal-implimentazzjoni korretta ta' xogħlijiet ta' rimedju.

**25.** Il-proposta mill-Kummissjoni għal Direttiva li tistabbilixxi qafas għall-ħarsien tal-ħamrija[16] tipprovdi li l-Istati Membri jidentifikaw is-siti kontaminati fit-territorju tagħhom, jistabbilixxu metodu biex jiddeterminaw jekk sit huwiex kontaminat u jiżguraw li siti kontaminati jiġu rimedjati[17]. Din il-proposta għadha qiegħda tiġi diskussa fil-Kunsill. Bosta esperti jqisu li l-armonizzazzjoni tista' ġġib magħha effetti ta' benefiċċju.

[15] Valuri ta' skrinjar tal-ħamrija huma standards ġeneriċi tal-kwalità adottati f'ħafna pajjiżi biex jirregolaw l-amministrazzjoni ta' art kontaminata. Is-soltu jkunu fil-għamla ta' livelli limiti ta' konċentrazzjoni (mg/kg ta' piż niexef tal-ħamrija) ta' sustanzi kontaminanti fil-ħamrija li, meta jinqabżu, jiġu rakkomandati jew infurzati ċertu azzjonijiet. Ara "Derivation methods of soil screening values in Europe. A review and evaluation of national procedures towards harmonisation." (Metodi ta' derivazzjoni ta' valuri ta' skrinjar tal-ħamrija fl-Ewropa. Analiżi u evalwazzjoni tal-proċeduri nazzjonali lejn l-armonizzazzjoni.) JRC (Ċentru Konġunt tar-Riċerka) Rapporti Xjentifiċi u Tekniċi), EUR 22805 EN-2007.

[16] KUMM(2006) 232 finali tat-22 ta' Settembru 2006 - Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-protezzjoni tal-ħamrija u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE.

[17] Barra minn hekk, il-verżjoni attwali użata tal-proposta, kif modifikata mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent tal-Kunsill (id-Dokument 6124/1/10 REV 1 tal-4 ta' Marzu 2010), tipprovdi għall-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' atti delegati dwar elementi tekniċi komuni għall-valutazzjoni tar-riskju ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija.

## IL-BIĊĊA L-KBIRA TAL-PROĠETTI LAĦQU L-OBJETTIVI TAGĦHOM F'DAK LI JIRRIGWARDA EŻITI FIŻIĊI, IŻDA F'ĦAFNA KAŻIJIET L-OKKUPAZZJONI FUTURA INTENZJONATA TAL-ART ŻVILUPPATA MILL-ĠDID U TAL-BINI GĦADHA TRID TIMMATERJALIZZA

**26.** 22 mis-27 proġett analizzati għall-verifika kienu ġew ikkompletati. Minn dawn it-22 proġett kompleti:

- 18 laħqu għalkollox il-miri tagħhom f'dak li jirrigwarda t-twaqqigħ, it-tindif tal-art, it-tisbiħ tal-pajsaġġ, l-installazzjoni tal-infrastruttura bażika u l-kostruzzjoni ta' bini mill-promotur.
- erba' proġetti kisbu bejn 90 % u 100 % tar-riżultati mistennija.

**27.** Għat-13-il proġett ivverifikati fejn il-promotur kellu l-għan li jrendi l-ħbula art disponibbli għall-bejgħ lil investituri potenzjali (ara l-paragrafu 3), sa nofs l-2011 kienet biss 25 % r-rata medja li biha kienu nbnew binjiet industrijali u ta' uffiċċji fuq dawk il-ħbula art[18]. Ir-rata ta' okkupanza ta' dawn il-binjiet kienet ta' 89 %.

**28.** Binjiet lesti biex jintużaw kienu ttellgħu minn promoturi f'ħames proġetti. Għal dawn il-binjiet, ir-rata medja ta' okkupanza kienet ta' 76 %.

**29.** Għal dak li jirrigwarda żviluppi li jimmiraw lejn kirjiet lil kwalunkwe utent potenzjali, ir-rata ta' okkupanza kienet aktar baxxa minn dik ta' żviluppi apposta li jimmiraw lejn utent finali speċifiku, bħal proġett industrijali jew park teknoloġiku ppjanat qabel il-bidu tal-proġett ta' riġenerazzjoni. Żviluppi bħal dawk tal-ewwel huma aktar dipendenti fuq l-ekonomija ġenerali u d-disponibbiltà ta' finanzjament pubbliku (ara l-***Kaxxa 1*** u r-***Ritratt 6***).

[18] 10 % addizzjonali tal-ħbula art għall-bejgħ kienu nbiegħu mill-promotur iżda l-kostruzzjoni tal-binjiet kienet għad trid tibda.



Ritratt 6 – Uffiċċji lesti biex jintużaw, mibnija fuq is-sit ta' dak li qabel kien Impjant tas-Sustanzi Kimiċi (Widnes, ir-Renju Unit)

KAXXA 1

## EŻEMPJU TA' ŻVILUPP LI MMIRA LEJN KIRJIET LIL KWALUNKWE UTENT POTENZJALI

Xogħol f'dak li qabel kien port industrijali (Barrow-in-Furness, UK) kien jikkonċerna r-riġenerazzjoni ta' 23 ettaru għall-iżvilupp ta' park kummerċjali orjentat lejn SMEs. Ix-xogħol twaqqaf fl-2010 għax ma kienx hemm fondi nazzjonali disponibbli għall-ikkompletar tal-iżvilupp fin-nuqqas ta' impenn minn utent finali industrijali jew kummerċjali privat jew pubbliku. Fiż-żmien tal-verifika ebda bini ma kien għadu ttella' fuq is-sit.

**30.** Fil-proġetti analizzati għal din il-verifika, bosta fatturi kkontribwixxew għal spjegazzjoni tar-rati relattivament baxxi tal-kostruzzjoni fuq superfiċji żviluppati f'siti abbandunati riġenerati, u wieħed minnhom kien it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku mill-2008. Dawn il-fatturi kienu jinkludu:

- l-approvazzjoni ta' xi proġetti ta' riġenerazzjoni mingħajr analiżi tajba tas-suq li tiġġustifika l-iżviluppi ġodda industrijali u ta' uffiċċji (ara l-***Kaxxa 2***);
- fejn kienet twettqet analiżi tas-suq, ma ngħatatx biżżejjed attenzjoni għall-konklużjonijiet tagħha, partikolarment fir-rigward tar-riskju ta' kompetizzjoni bejn bosta siti fl-istess żona jew in-nuqqas ta' adegwatezza ta' żviluppi biex jaqblu ma' karatteristiċi soċjoekonomiċi lokali (ara l-***Kaxxa 3***).

**KAXXA 2**

### EŻEMPJI TA' SITI TA' RIĠENERAZZJONI FEJN ATTIVITÀ MISTENNIJA TAS-SUQ GĦADHA MA MMATERJALIZZATX

F'dik li qabel kienet raffinerija taż-żejt (Braunsbedra, DE), fejn ix-xogħlijiet ta' riġenerazzjoni bdew fl-2002, is-superfiċje mixtrija minn investituri kienet 50 % tat-total żviluppat u għal dak li qabel kien impjant tal-metall (Halle, DE), fejn ix-xogħlijiet ta' riġenerazzjoni bdew fl-2003, kienet 11 %. Fiż-żewġ każijiet, meta saret id-deċiżjoni ta' għotja inizjali, il-promotur kien intalab juri li kien diġà rċieva domandi minn investituri li koprew porzjon sinifikanti tas-superfiċje riġenerata. Madankollu, għalkemm l-awtorità ta' ġestjoni serrħet fuq id-dikjarazzjonijiet tal-promotur fir-rigward ta' domandi bħal dawn, hija ma kinitx stabbilixxiet kriterji preċiżi biex tikkonferma tali kundizzjoni minn qabel.

**KAXXA 3**

### EŻEMPJI TA' PROĠETTI FEJN MA NGĦATATX BIŻŻEJJED ATTENZJONI GĦAR-RIŻULTATI TAL-ANALIŻI TAS-SUQ

Il-proġett ta' dak li qabel kien impjant tal-metall (Barnsley, UK) kien jinvolvi l-kostruzzjoni ta' torri ta' uffiċċji b'ħafna sulari b'10 750m² ta' spazju ta' art. Il-proġett ġie approvat għalkemm l-analiżi tas-suq wissiet dwar in-nuqqas ta' suq għat-tip ta' bini propost. Il-kostruzzjoni ġiet ikkompletata sa tmiem l-2008 iżda spiċċa kien diffiċli li jinkera l-ispazju għall-uffiċċji. F'Awwissu 2010 l-promotur biegħ il-bini tal-uffiċċji lill-awtorità lokali. Sa Marzu 2011 żewġ sulari biss minn sitta kienu okkupati.

F'dak li qabel kien impjant tal-metall (Dortmund, DE) ix-xogħol kien jinvolvi l-iżvilupp ta' park teknoloġiku u kumditajiet oħra. Id-dokumenti tal-proġett ippreżentati lill-awtorità ta' ġestjoni u lill-Kummissjoni għal valutazzjoni inizjali enfasizzaw problemi bħad-distanza sa università, il-kompetizzjoni ma' postijiet kummerċjali oħra fil-belt u l-fokus qawwi fuq teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-mikrosistemi, li t-tnejn li huma kienu qegħdin jiffaċċjaw tnaqqis fir-ritmu ta' tkabbir. Ħbula art ġew żviluppati b'mod progressiv u kienu lesti għall-kostruzzjoni mill-2005 sal-2008. Madankollu x-xiri u l-kostruzzjoni ta' binjiet għal uffiċċji mxew aktar bil-mod milli previst. Sa nofs l-2011, kienet inbiegħet biss 22 % tal-erja disponibbli.

### L-ATTIVITAJIET EKONOMIĊI ĦOLQU INQAS IMPJIEGI MILLI ANTIĊIPAT

**31.** 23 mis-27 proġett ivvalutati fil-verifika mmiraw lejn il-ħolqien ta' impjiegi, u d-*data* tar-rappurtar kienet disponibbli għal 10 proġetti. Fiż-żmien tal-verifika, ir-rata ta' ħolqien ta' impjiegi kienet aktar baxxa milli mistenni għax:

- l-ilħuq tal-mira sħiħa ta' ħolqien ta' impjiegi kienet għan fuq terminu ta' żmien itwal,
- kien hemm dewmien fil-kostruzzjoni ta' binjiet (ara l-paragrafi 20 u 27) u
- l-attività ekonomika żviluppata fuq is-sit kienet inqas intensiva milli mistennija fir-rigward ta' impjiegi.

### IL-PROĠETTI KOLLHA KELLHOM XI KARATTERISTIĊI EWLENIN LI KELLHOM EFFETT POŻITTIV FUQ IS-SOSTENIBBILTÀ TAGĦHOM

**32.** Il-proġetti kollha eżaminati mill-Qorti li rrigwardaw riġenerazzjoni ta' siti abbandunati kellhom xi wħud mill-karatteristiċi ewlenin li jitqiesu bħala l-aħjar prattiki għall-assigurazzjoni tas-sostenibbiltà ta' siti u eżiti fit-tul:

- is-siti kollha ġew żviluppati skont l-użu tal-art fid-dokumenti ta' ppjanar spazjali u għandhom servizz adegwat ta' trasport, sanità u infrastruttura ta' teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni;
- xi wħud għandhom lok strateġiku u servizz ta' netwerks tat-trasport trimodali (toroq, ferroviji u passaġġi fuq l-ilma);
- il-binjiet ġodda jikkonformaw ma' standards ambjentali.

**33.** 18 mis-27 proġett kienu parti minn pjan ta' żvilupp integrat għal-lokalità jew għaż-żona ekonomika. Il-Qorti nnutat li, saħansitra f'każijiet fejn kien hemm approċċ integrat stabbilit, il-proġetti analizzati kellhom biss effett modest f'dak li jirrigwarda impjiegi u opportunitajiet ta' taħriġ għall-komunitajiet lokali. Dan kien minħabba l-fatt li ħafna proġetti magħżula għall-verifika kienu orjentati lejn attivitajiet ta' teknoloġija ta' livell għoli u kellhom l-għan li jkollhom impatt mifrux mal-belt jew mar-reġjun aktar milli impatt lokali. F'xi Stati Membri, l-awtoritajiet reġjonali kienu konxji tal-impatt baxx mistenni fuq komunitajiet lokali u kienu stabbilixxew pjanijiet biex dawn ikunu jistgħu jieħdu vantaġġ mir-riġenerazzjoni, pereżempju permezz tal-inklużjoni ta' xi spazji pubbliċi bħal parks, żoni kulturali u faċilitajiet sportivi u permezz ta' għajnuna lin-nies tal-lokal biex jiksbu impjiegi inqas speċjalizzati u jiżviluppaw attivitajiet ta' ospitalità.

34. Il-*Kaxxa 4* tippreżenta eżempji fejn il-kundizzjonijiet għal sostenibbiltà ġew implimentati partikolarment tajjeb.

## L-IMMIRAR TAL-APPOĠĠ MILL-UE GĦAR-RIĠENERAZZJONI TA' SITI INDUSTRIJALI U MILITARI KIEN IBBAŻAT FUQ KRITERJI ROBUSTI?

35. Ir-riġenerazzjoni b'suċċess ta' siti industrijali u militari sserraħ fuq l-implimentazzjoni ta' strateġija bbażata fuq prinċipji ta' ppjanar u għarfien tajjeb tal-problemi ambjentali, ekonomiċi u soċjali u theddidiet li jridu jiġu ttrattati sabiex l-azzjonijiet jistgħu jiġu prijoritizzati. Il-prinċipji ta' ppjanar prinċipali huma[19]:

- preferenza għal żoni abbandunati minflok siti f'maħdara,
- użu interim ta' siti riġenerati bħala maħdara sakemm isir l-użu finali sabiex jiġi evitat l-iżvilupp mill-ġdid ta' siti abbandunati għal attivitajiet mhux xierqa.

[19] Kif appoġġati minn mexxejja rikonoxxuti fil-qasam, b'mod notevoli l-Bank Dinji, CABERNET u NICOLE.

**KAXXA 4**

### EŻEMPJI FEJN IL-KUNDIZZJONIJIET GĦAL SOSTENIBBILTÀ ĠEW IMPLIMENTATI PARTIKOLARMENT TAJJEB

Dak li qabel kien impjant tal-azzar (Duisberg, DE) ġie rimedjat u servizzjat b'infrastruttura bażika għal użu bħala ċentru tal-loġistika trimodali. Sa nofs l-2011, iż-żona żviluppata kienet kważi okkupata għalkollox minn bosta ditti ta' tagħbija ta' kontejners u ta' ħżin ta' kontejners. L-iżvilupp tas-sit kien konsistenti ma' cluster tan-negozju ta' prijorità (is-settur tal-loġistika) u kien fuq ix-xtut ta' xmara navigabbli. Il-port ukoll għandu proġetti ta' kooperazzjoni u ta' riċerka b'universitajiet u istituti tar-riċerka fil-qasam tal-loġistika.

F'dak li qabel kien impjant tal-azzar u tal-metall (Pilsen, CZ) inbniet sala industrijali b'appoġġ mill-FEŻR. Is-sit huwa dedikat għal cluster speċifiku (manifattura tal-metall) li l-belt ospitanti toffrilu vantaġġi importanti u huwa komplementat minn investimenti oħra, speċjalment l-espansjoni tan-netwerk tat-toroq u l-konnessjonijiet ferrovjarji. Kumpaniji fuq is-sit jikkooperaw mill-qrib ma' netwerk ta' ċentri tar-riċerka, kulleġġi tekniċi, skejjel sekondarji u ċentru tax-xjenzi għat-tfal.

36. Il-Qorti eżaminat jekk:

- l-Istati Membri għandhomx strateġiji nazzjonali, reġjonali jew lokali għar-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati bbażati fuq prattiki tajba ta' ppjanar u reġistri ta' siti abbandunati li jinkludu deskrizzjoni tal-problemi u t-theddidiet ippreżentati minn dawk is-siti;
- il-fondi tal-UE jistimulaw l-implimentazzjoni ta' dawk l-aħjar prattiki.

## L-ISTATI MEMBRI KOLLHA GĦANDHOM POLITIKA TA' RIĠENERAZZJONI TA' SITI ABBANDUNATI BBAŻATA FUQ GĦADD TA' PRINĊIPJI RIKONOXXUTI...

37. Fl-Istati Membri kollha miżjura, il-politika dwar siti abbandunati hija prinċipalment implimentata permezz ta' strumenti ta' ppjanar lokali li jippromwovu l-applikazzjoni ta' ċertu prinċipji ewlenin u l-aħjar prattiki.

38. Ir-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati bħala preferenza minflok l-iżvilupp ta' siti f'maħdara hija promossa bl-inibizzjoni jew il-prevenzjoni ta' proġetti ta' żvilupp fuq siti maħdara u billi art abbandunata ssir disponibbli għal żvilupp. Bosta għodod huma stabbiliti għal dan il-fini:

- żoni ġodda għal żvilupp jistgħu jkunu indikati permezz ta' bidliet fil-pjan ta' użu tal-art biss meta żoni ta' art li qabel kienu żviluppati ma jistgħux jintużaw u hemm ħtieġa dimostrabbli għal żoni ġodda bħal dawn;
- l-awtoritajiet lokali jingħataw is-setgħa jipproċedu għax-xiri obbligatorju ta' siti abbandunati;
- permess għall-ippjanar jew għall-kostruzzjoni huwa rikjest għal kwalunkwe żvilupp speċifiku. Dawn il-permessi jistabbilixxu kundizzjonijiet għal investigazzjonijiet fuq siti u, fejn huwa xieraq, ir-rimedju ta' siti abbandunati.

**39.** L-użu interim ta' siti riġenerati bħala maħdara seħħ rarament fl-Istati Membri miżjura għall-verifika. Madankollu:

- il-prinċipju tqies mill-Gvern tar-Renju Unit fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu ta' Marzu 2008[20]; l-użu interim ta' siti abbandunati bħala maħdara għandu jiġi promoss meta dawn ma jkunux xierqa għal żviluppi oħra, bħala għodda biex jiġi ttrattat it-taħsir viżwali u eknomiku assoċjat ma' dawk is-siti;
- fil-Ġermanja, f'fehmet il-BBSR[21], sit abbandunat għandu jiġi riġenerat aktar għall-użu ta' rikreazzjoni/natura, għall-anqas fuq bażi interim, u inqas għal attivitajiet ekonomiċi; stħarriġiet perjodiċi mwettqa mill-BBSR jindikaw li, għalkemm superfiċje abbandunata sinifikanti qiegħda tiġi riġenerata, l-istokk ta' siti qiegħed jiżdied peress li l-għadd u l-erja ta' siti li qegħdin jispiċċaw ma jintużawx hija akbar mill-għadd u l-erja taħt riġenerazzjoni[22].

**40.** Fl-Istati Membri kollha miżjura, ir-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati ġiet imfixkla ta' sikwit minn ħafna xkiel:

- nuqqas ta' riżorsi finanzjarji għall-korpi pubbbliċi responsabbli mir-rimedju jew mir-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati;
- nuqqas ta' strateġiji reġjonali bbażati fuq biżżejjed informazzjoni, bħal reġistri ta' siti abbandunati eżistenti, u sistema li tistimola l-użu ta' fondi nazzjonali u tal-UE għal siti tal-ogħla prijorità;
- diffikultajiet fid-determinazzjoni ta' sjieda ta' art u responsabbiltà għar-rimedju;
- f'każijiet fejn siti abbandunati huma proprjetà privata, parteċipanti pubbliċi u privati jistgħu ma jkollhomx l-istess interess fir-rigward tar-riġenerazzjoni tas-sit.

**41.** Fost il-ħames Stati Membri miżjura, fir-Renju Unit (l-Ingilterra) biss jiġu definiti miri kwantifikati għas-superfiċje ta' siti abbandunati li għandhom jiġu riġenerati. Mill-2000, ir-regoli ta' ppjanar stabbilixxew miri għall-użu mill-ġdid ta' siti abbandunati inġenerali (17 % ta' art abbandunata attwali sal-2010) u għall-kostruzzjoni ta' abitazzjonijiet b'mod partikolari (60 % tad-djar ġodda kollha kellhom jinbnew fuq siti abbandunati sal-2008), għalkemm ma hija stabbilita ebda mira fir-rigward tal-użu mill-ġdid ta' siti abbandunati għal żvilupp industrijali / kummerċjali. Dawn il-miri ntlaħqu fil-biċċa l-kbira[23].

[20] "Securing the Future Supply of Brownfield Land: Government Response to English Partnerships' Recommendations on the National Brownfield Strategy" (Niżguraw il-Provvista Futura ta' Artijiet Abbandunati: Rispons tal-Gvern għal Rakkomandazzjonijiet ta' Sħubiji Ingliżi dwar l-Istrateġija Nazzjonali dwar Siti Abbandunati), Komunitajiet u Gvern Lokali, Londra, l-4 ta' Marzu 2008.

[21] Istitut Federali għar-Riċerka fuq Bini, Affarijiet Urbani u Żvilupp Spazjali.

[22] Fil-Ġermanja, it-taqsim fost tipi ta' użi ġodda intenzjonati ta' siti abbandunati (2006) hija: natura 19 %, abitazzjoni 19 %, industrija/kummerċ 62 %. Skont ir-riċerkaturi tal-BBSR, taqsim aktar realistiku jista' jkun: natura 70 %, abitazzjoni 20 %, industrija/kummerċ 10 %. Dr. Fabian Dosch, BBSR-Bonn. Sessjoni 14 REFINA Stuttgart 26.4.2007.

[23] Mill-2002 sal-2009, l-erja tas-superfiċje ta' siti abbandunati ċkienet fl-Ingilterra b'20,4 %, minn 40 714-il ettaru għal 33 390 ettaru. 77 % tad-djar inbnew fuq siti abbandunati fl-2009. *Sors:* Trends in previously developed land and housing stock by Government Office Region (Xejriet f'art li qabel kienet żviluppata u fi stokkijiet ta' abitazzjoni mir-Reġjun tal-Uffiċċju tal-Gvern) (2002, 2009). Aġenzija tad-Djar u tal-Komunitajiet.

**42.** Fil-Ġermanja, regoli ta' ppjanar spazjali u dawk ambjentali ma jistabbilixxux miri għal riġenerazzjoni ta' siti abbandunati fis-sens strett tal-kelma. Minkejja dan, l-Istrateġija ta' Sostenibbiltà Federali adottata fl-2002 tinkludi fost l-għanijiet tagħha t-tnaqqis ta' konsum ta' art addizzjonali f'maħdara minn 129 ettaru kuljum fil-perjodu 1993-1996 għal 30 ettaru kuljum fl-2020. Statistika reċenti[24] turi tnaqqis qawwi fil-konsum ta' art fil-Ġermanja mill-2006. Il-medja fil-perjodu 2007-2010 kienet ta' 87 ettaru kuljum.

[24] Nachhaltige Entwicklung in Deutschland Indikatorenbericht 2012, Statistisches Bundesamt, Wiesbaden, 2012.

### ... IŻDA N-NUQQAS TA' REĠISTRI KOMPLETI U XIERQA TA' SITI ABBANDUNATI LI JKOPRU WKOLL SITI KONTAMINATI JIKKOMPLIKA L-ISTABBILIMENT TA' PRIJORITAJIET

**43.** Fl-Istati Membri miżjura, ittieħdu għadd ta' azzjonijiet għall-ġbir ta' reġistri ta' siti abbandunati fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali. Dawn ir-reġistri jipprovdu xi għarfien dwar is-sitwazzjoni ta' siti abbandunati, iżda mhumiex kompluti, ma jistgħux jiġu interkonnessi jew inkella ma jinkludux informazzjoni xierqa għall-prijoritizzazzjoni ta' intervent pubbliku għal sit wieħed minflok ieħor (ara l-***Kaxxa 5***).

**KAXXA 5**

## EŻEMPJI TA' AZZJONI MEĦUDA FL-ISTATI MEMBRI MIŻJURA GĦALL-ĠBIR TA' REĠISTRI TA' SITI ABBANDUNATI

Fir-Repubblika Ċeka, ġiet stabbilita database nazzjonali ta' siti abbandunati wara studju mwettaq fl-2005-2007 li identifika 2 355 sit abbandunat li koprew erja ta' 10 326 ettaru[25]. Madankollu, fiha biss *data* dwar siti li fir-rigward tagħhom il-proprjetarju jkun jaqbel li l-informazzjoni tista' ssir pubblika, u teskludi siti fi Praga. Database oħra telenka siti abbandunati fir-reġjuni kollha, iżda biss dawk taħt sjieda muniċipali b'maġġoranza (375 sit).

Fil-Polonja ma hemm ebda reġistru ta' siti abbandunati li huwa disponibbli fin-nazzjon kollu. Xi informazzjoni hija disponibbli fil-livell reġjonali jew lokali, iżda mhijiex komparabbli minħabba n-nuqqas ta' metodoloġija uniformi għall-ġbir u l-preżentazzjoni ta' *data*. Mill-2005, sar inventarju pilota ta' siti abbandunati fi tliet reġjuni. Madankollu t-tħejjija tal-inventarju ta' siti abbandunati nazzjonali twaqqfet f'dan l-istadju bikri.

[25] Skont l-esperti, ċifra aktar realistika tat-total tal-erja ta' siti abbandunati fir-Repubblika Ċeka hija bejn 27 000 u 38 000 ettaru.

**44.** Tinġabar informazzjoni dwar siti kontaminati u potenzjalment kontaminati fil-ħames Stati Membri kollha miżjura. Madankollu r-reġistri qatt ma jinkludu s-siti relevanti kollha, u fir-Repubblika Ċeka u fl-Ungerija biss hija disponibbli l-informazzjoni meħtieġa għall-istabbiliment ta' prijoritajiet (ara l-***Kaxxa 6***).

### JISTA' JSIR AKTAR GĦALL-PROMOZZJONI TAL-AĦJAR PRATTIKI TA' RIĠENERAZZJONI

**45.** Għalkemm ir-regolamenti tal-Fondi Strutturali ma jispeċifikaw ebda regola partikolari mmirata lejn il-promozzjoni ta' aspetti partikolari tal-aħjar prattiki ta' riġenerazzjoni ta' siti abbandunati, il-Qorti nnutat li jittieħdu xi inizjattivi mill-Istati Membri:

- żewġ Stati Membri jagħtu preferenza għal proġetti ta' siti abbandunati meta mqabbla ma' dawk ta' siti f'maħdara fil-proċess ta' għażla għall-għoti ta' għotjiet;
- fil-Programm Operazzjoni għall-Polonja, pjan ta' żvilupp spazjali integrat huwa rikjest bħala prerekwiżit għal finanzjament mill-UE;
- fl-Ungerija, il-punt sa fejn proġetti jfittxu li jindirizzaw it-tiċħid soċjali u ekonomiku ma kienx kriterju speċifiku ta' għażla[26].

[26] Biex ikunu eliġibbli, il-proġetti kellhom jinsabu f'belt ta' aktar minn 5 000 resident, ikopru erja ta' art abbandunata akbar minn 40 ettaru u jissodisfaw mill-inqas tlieta minn tmien kriterji soċjoekonomiċi.

**KAXXA 6**

### EŻEMPJI TA' REĠISTRI TA' STATI MEMBRI TA' SITI KONTAMINATI JEW POTENZJALMENT KONTAMINATI

Fl-Ingilterra u f'Wales, l-Aġenzija għall-Ambjent iżżomm reġistru ta' siti ta' riskju għoli speċjali biss (33 sit f'nofs l-2011). Huwa ma kienx ġie aġġornat mill-31 ta' Marzu 2007. Jinżammu reġistri ta' siti kontaminati oħra mill-awtoritajiet lokali.

Fir-Repubblika Ċeka, id-database nazzjonali SEKM[27] ta' siti kontaminati u potenzjalment kontaminati tinkludi siti industrijali, militari u tal-minjieri, miżbliet, eċċ. Kull sit jiġi allokat prijorità: il-kategorija l-aktar urġenti tikkorrispondi ma' siti li jeħtieġu rimedju immedjat (130 sit). Database ġdida ta' siti kontaminati qiegħda tiġi żviluppata bħalissa bil-għan li tiġi unifikata *data* minn għejun varji u tiġi aġġornata d-database eżistenti fil-livell nazzjonali.

Fl-Ungerija, ilu stabbilit pjan ta' rimedju ta' siti kontaminati mill-1996. L-objettiv prinċipali huwa l-identifikazzjoni ta' siti kontaminati u t-twettiq ta' rimedju sabiex jiġi evitat li t-tniġġis jinfirex sal-water table. L-applikazzjoni ta' dan il-pjan hija appoġġata minn reġistru ta' siti kontaminati li huma ta' riskju potenzjali għall-kwalità tal-ilma. Kull sit huwa prijoritizzat fuq il-bażi ta' kriterji multipli ta' riskju ambjentali u tas-saħħa.

[27] Systém Evidence Kontaminovaných Mist (Sistema ta' Rekords ta' Siti Kontaminati).

## INKISBU R-RIŻULTATI BL-INQAS SPIŻA GĦALL-BAĠIT TAL-UE?

**46.** Ir-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati għandha l-potenzjal li toffri opportunitajiet vantaġġużi u għaldaqstant tista' titwettaq minn investituri privati. Fejn proġetti jkunu biss marġinalment vantaġġużi, se tinħtieġ il-kondiviżjoni tar-riskji u l-ispejjeż bejn is-setturi pubbliċi u privati, u jista' jiġi rikjest investiment pubbliku sħiħ jekk ikun hemm żvantaġġi severi bħalma huma kontaminazzjoni sinifikanti, lok mhux tajjeb jew inkella suq immobiljari kajman. Meta jiġi meqjus l-ammont ta' kofinanzjament pubbliku li proġetti ta' riġenerazzjoni għandhom jirċievu, huwa importanti ħafna li jiġi limitat il-finanzjament pubbliku għal dak li huwa meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proġett: il-kontribuzzjoni pubblika m'għandhiex taqbeż id-diskrepanza fil-finanzjament bejn l-ispiża tal-investiment u d-dħul li huwa mistenni jiġġenera[28].

[28] L-ispejjeż u d-dħul huma skontati biex jitqies iż-żmien li jkun għadda bejn il-flussi ta' likwidità varji.

**47.** Sabiex tivvaluta jekk is-27 proġett ta' riġenerazzjoni eżaminati setgħux twettqu bi spiża inqas, partikolarment għall-baġit tal-UE, il-Qorti eżaminat jekk:

- l-għotja pubblika, inkluża l-kontribuzzjoni mill-UE, kinitx ġiet stabbilita f'livell xieraq, bl-użu tal-metodu ta' diskrepanza fil-finanzjament, u jekk din id-diskrepanza fil-finanzjament kinitx ġiet ivvalutata b'mod sodisfaċenti;
- il-valur tas-sit inkluż fost l-ispejjeż tal-proġett fil-valutazzjoni tad-diskrepanza fil-finanzjament irriflettiex il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, li jiddikjara li min iniġġes għandu jġarrab l-ispejjeż tar-rimedju f'siti li fihom ikkaġuna ħsara;
- ġewx rispettati r-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat bil-għan ta' prevenzjoni ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni;
- id-deċiżjoni ta' għotja kinitx tinkludi mekkaniżmu ta' rimborż li japplika kieku l-proġett iġġenera aktar dħul milli kien mistenni fid-data ta' approvazzjoni tal-għotja.

## IL-ĦTIEĠA TA' APPOĠĠ PUBBLIKU, INKLUŻI FONDI TAL-UE, MHUX DEJJEM ĠIET IVVALUTATA U …

**48.** Mis-27 proġett eżaminati għall-verifika:

- għal 15-il proġett, il-benefiċjarju wettaq valutazzjoni tad-diskrepanza fil-finanzjament fuq talbet il-Kummissjoni jew l-awtorità ta' ġestjoni.

- Għal 12-il proġett, ma ġietx ivvalutata d-diskrepanza fil-finanzjament. Għal tliet proġetti, huwa raġonevoli li ma saret ebda valutazzjoni bħal din għax ebda dħul ma kien mistenni li jiġi ġġenerat jew għax huma indirizzaw biss id-dekontaminazzjoni jew inkella għax huma għandhom il-għan li joħolqu parks u riżervi ta' art. F'dawn il-każijiet, jista' jingħad li d-diskrepanza fil-finanzjament hija 100 %. Madankollu, għad-disa' proġetti li jifdal, ma twettqet ebda valutazzjoni tad-diskrepanza fil-finanzjament għalkemm il-proġetti se jiġġeneraw dħul mill-bejgħ jew mill-kiri ta' ħbula art u binjiet żviluppati mill-ġdid (ara l-***Kaxxa 7***). Li kieku kienet twettqet analiżi tad-diskrepanza fil-finanzjament għal dawn id-disa' każijiet, l-għotja, inklużi l-fondi tal-UE, kienet tkun aktar baxxa.

## … META JITWETTQU, IL-VALUTAZZJONIJIET TAD-DISKREPANZA FIL-FINANZJAMENT JIPPREŻENTAW NUQQASIJIET

**49.** Fejn ġiet ivvalutata d-diskrepanza fil-finanzjament, inqabdu n-nuqqasijiet li ġejjin:

- fi tliet każijiet fejn il-proġett speċifiku kofinanzjat kien jikkonċerna parti minn sit akbar abbandunat, minkejja l-fatt li l-Miżuri Strutturali kienu kkofinanzjaw infrastruttura bażika għas-sit kollu kemm hu (taħt proġett differenti fl-istess perjodu ta' programmar (2000-2006) jew inkella fil-perjodu preċedenti (1994-1999)), ma tqiesx id-dħul ġenerat għall-iżviluppatur mis-sit kollu kemm hu fil-valutazzjoni tad-diskrepanza fil-finanzjament (ara l-***Kaxxa 8***); u

- f'ħames każijiet fejn il-kost tal-art ġie inkluż fl-ispejjeż iddikjarati[29], jew ma kien hemm ebda ċertifikat ta' stima indipendenti li jistabbilixxi l-valur tas-suq tal-art, jew inkella ma kienx possibbli li jiġi stabbilit liema mit-tnejn, il-prezz tax-xiri jew inkella l-valur tas-suq, kien aktar baxx (ara l-***Kaxxa 9***).

[29] Biex ikunu eliġibbli għal inklużjoni fl-ispejjeż għall-kalkolu ta' kofinanzjament mill-UE, il-kost tal-art jista' jiġi ċċarġjat biss sa ammont ta' 10 % tat-total tal-ispejjeż tal-proġett, bil-kundizzjoni li jkun hemm konnessjoni diretta bejn ix-xiri ta' art u l-finijiet (objettivi) tal-proġett kofinanzjat u li jinkiseb ċertifikat minn prezzatur indipendenti kwalifikat jew korp uffiċjali debitament awtorizzat li jikkonferma li l-kost ma jaqbiżx il-valur tas-suq. Ara r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 448/2004 tal-10 ta' Marzu 2004 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1685/2000 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 dwar l-eliġibilità tal-infiq fuq operazzjonijiet kofinanzjati mill-Fondi Strutturali u li jirtira r-Regolament (KE) Nru 1145/2003 (ĠU L 72, 11.3.2004, p. 66).

KAXXA 7

## EŻEMPJI TA' PROĠETTI FFINANZJATI GĦALKOLLOX B'FONDI PUBBLIĊI U LI X'AKTARX LI JIĠĠENERAW DĦUL, IŻDA LI GĦALIHOM MA ĠIETX IVVALUTATA D-DISKREPANZA FIL-FINANZJAMENT

F'art pubblika riżervata (Halton, UK), l-awtorità lokali kienet bi ħsiebha tibni maħżen li kellu jitħaddem b'kundizzjonijiet tas-suq li setgħu jiġġeneraw dħul. Il-kost tal-iżvilupp (akkwist tal-art u tfassil ta' pajsaġġ) ġie ffinanzjat għalkollox minn fondi pubbliċi, li minnhom 29 % ġew koperti minn kofinanzjament mill-FEŻR. Madankollu ma twettqet ebda analiżi tad-diskrepanza fil-finanzjament b'kunsiderazzjoni tad-dħul futur.

L-iżvilupp ta' dak li qabel kien impjant tal-enerġija nukleari ppjanat (Arneburg, DE) (ara r-***Ritratt 7***) x'aktarx li jipproduċi dħul għall-proprjetarju tal-art privat għax is-sit għandu l-vantaġġ li jkollu l-karatteristika ta' infrastruttura tat-trasport trimodali, u għaldaqstant jiġbed ċertu industriji. Madankollu, għal dan il-proġett ma twettqitx valutazzjoni tad-diskrepanza fil-finanzjament.

KAXXA 8

## EŻEMPJU FEJN L-ANALIŻI TAD-DISKREPANZA FIL-FINANZJAMENT KIENET TIKKONĊERNA BISS PARTI MIS-SIT

Dik li qabel kienet minjiera tal-faħam /kokkerija (Sheffield, UK) qiegħda tiġi żviluppata f'fażijiet. Ingħata appoġġ mill-FEŻR fil-perjodu 2000-2006 għat-tieni fażi tal-iżvilupp tas-sit biex jinbnew bosta binjiet industrijali u tal-uffiċċji. Il-valutazzjoni tad-diskrepanza fil-finanzjament li tiġġustifika din l-għotja mill-FEŻR kienet limitata biss għall-ispejjeż u għad-dħul minn din it-tieni fażi. Hija ma qisitx id-dħul iġġenerat xi mkien ieħor fuq l-istess sit kollu kemm hu.

KAXXA 9

## EŻEMPJI FEJN IL-KOST TAL-ART IĊĊARĠJAT LILL-PROĠETT MA KIENX APPOĠĠAT MINN ĊERTIFIKAT TA' STIMA INDIPENDENTI

F'dik li qabel kienet minjiera miftuħa tat-tidwib tal-metall għall-forma (Rotherham, UK), fejn l-iżvilupp ħa l-għamla ta' sħubija pubblika-privata, il-kontribuzzjoni waħdanija tal-imsieħeb privat kienet l-art. Il-valur tal-art ta' GBP 6,7 miljun ġie inkluż fost l-ispejjeż eliġibbli għall-għotja FEŻR. Dan qabeż il-valur tas-suq stabbilit minn stimatur kwalifikat b'GBP 3,4 miljun.

F'dak li qabel kien impjant tal-azzar (Dortmund, DE), ġie inkluż il-prezz imħallas mill-promotur għax-xiri tal-art fil-kost tal-proġett. Madankollu, fiż-żmien meta ngħata l-kofinanzjament mill-FEŻR, dan il-prezz ma tqabbilx mal-valur tas-suq stabbilit minn prezzatur indipendenti jew korp uffiċjali awtorizzat ieħor. Kien biss aktar tard, fl-2006, li l-awtorità lokali, waħda mill-imsieħba tal-iżvilupp, ħejjiet rapport li jikkonferma li l-prezz tax-xiri kien jikkorrispondi mal-valur tas-suq. Madankollu, f'din l-istima, il-valur tas-suq applikat għal kull metru kwadru kien ogħla mill-prezzijiet ta' referenza uffiċjali għal ħbula art fl-istess erja, u ġie applikat għal superfiċje ta' 82 ettaru,, għalkemm madwar 40 ettaru biss tas-sit kellha ssir disponibbli għall-bini (il-bqija kellha tintuża għal spazji ekoloġiċi).

## L-AWTORITAJIET HUMA KONXJI TAL-PRINĊIPJU TA' MIN INIĠĠES IĦALLAS, IŻDA F'EBDA KAŻ DAK LI NIĠĠES MA ĠARRAB L-ISPIŻA SĦIĦA TAD-DEKONTAMINAZZJONI

**50.** It-Trattat tal-UE[30] jiddikjara li l-politika ambjentali tal-UE hija msejsa fuq il-prinċipju li min iniġġes għandu jħallas għal kwalunkwe ħsara li jikkawża lill-ambjent. Fl-Istati Membri kollha miżjura, il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas ġie inkluż fost il-prinċipji ta' bażi tal-liġi ambjentali sa mis-snin disgħin. Huwa jipprovdi li dawk li jniġġsu, kif ukoll proprjetarji tal-art u l-kerrejja, li kellhom l-obbligu li jipprevjenu l-ħsara lill-ħamrija fuq il-proprjetà tagħhom, huma responsabbli għall-ħsara kkawżata. Għalhekk, għotjiet pubbliċi għandhom jikkofinanzjaw biss l-ispiża tar-rimedju tal-art meta jkunu twettqu l-mezzi legali kollha għall-infurzar tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, biex il-flus pubbliċi jintużaw biss f'sitwazzjonijiet fejn ma jkunx għad fadal aktar xi jsir.

**51.** Ħafna mill-art imniġġsa li fir-rigward tagħha jintalbu l-fondi tal-UE u pubbliċi oħra biex jgħinu jiffinanzjaw ir-rimedju tagħha hija r-riżultat tal-wirt ta' attivitajiet iebsa industrijali u militari tal-imgħoddi tal-Ewropa. F'ħafna miċ-ċirkustanzi l-aktar serji, hija sfida diffiċli li wieħed japplika l-prinċipju ta' min iħallas iniġġes. Ta' sikwit mhuwiex possibbli li l-entità li kienet responsabbli mill-bidu nett għall-ikkawżar tat-tniġġis tiġi mitluba tħallas għar-rimedju peress li, f'ħafna każijiet, min storikament niġġes ma għadux jeżisti jew inkella kienet impriża mmexxija mill-Istat jew inkella s-sit inbiegħ lil proprjetarju privat b'kundizzjonijiet speċifiċi[31].

**52.** Fil-kampjun ta' proġetti appoġġati mill-FEŻR u li ġew analizzati għall-verifika, 21 proġett kienu jinvolvu xi xogħlijiet ta' rimedju. F'ebda wieħed minn dawn il-proġetti l-entità responsabbli għat-tniġġis oriġinali ma kienet ħallset l-ispejjeż tar-rimedju għalkollox:

- 13-il sit ikkonċernati li kienu tniġġsu minn ditti privati iżda fejn il-prinċipju ta' min iħallas iniġġes kien ġie applikat parzjalment biss;
- sitt siti kkonċernati fejn it-tniġġis kien ġie kkawżat minn impriżi mmexxija mill-Istat u l-proprjetarju l-ġdid aċċetta li jirrimedja l-art b'appoġġ minn fondi pubbliċi; u
- fiż-żewġ siti l-oħra, l-Istat ħa f'idejh responsabbiltà sħiħa għar-rimedjar tas-siti fejn it-tniġġis kien ġie kkawżat minn impriżi mmexxija mill-Istat.

[30] L-Artikolu 191(2) TFUE.

[31] Kundizzjonijiet bħal dawn is-soltu jinkludu derogi fir-rigward tar-responsabbiltà għal rimedju ta' art imniġġsa.

**53.** Ta' spiss huwa l-każ li meta art imniġġsa tinbiegħ lil żviluppatur, jiġi offrut skont fil-prezz tax-xiri bħala kumpens għax-xogħlijiet meħtieġa biex l-art tinġieb f'livell ta' kwalità utilizzabbli. Madankollu, għalkemm setgħu ngħataw skontijiet bħal dawn, l-iżviluppaturi kultant ifittxu aktar sussidji pubbliċi biex iħallsu għax-xogħlijiet ta' rimedju li fil-fatt iwettqu. F'ċirkustanzi bħal dawn, hemm riskju li, fejn żviluppaturi jirċievu kemm skontijiet fil-prezz tax-xiri kif ukoll sussidji għal xogħlijiet ta' rimedju, jista' jsir finanzjament doppju minn fondi pubbliċi. Awtoritajiet pubbliċi jeħtieġu li jkunu viġilanti fir-rigward ta' dan ir-riskju.

**54.** Kontra dan l-isfond, ftehimiet bejn il-bejjiegħ u l-iżviluppaturi huma kumplessi ħafna u, fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' rimedju, jistgħu jinkludu skontijiet, sussidji u ftehimiet dettaljati li jikkonċernaw l-allokazzjoni tar-responsabbiltà għat-tindif tal-ambjent. Evalwazzjoni sħiħa ta' ftehimiet bħal dawn minn perspettiva ta' ġestjoni finanzjarja tajba hija sfida sinifikanti fiha nfisha, kif ukoll l-istabbiliment tal-punt sa fejn il-fondi tal-UE setgħu ssussidjaw xogħlijiet ta' rimedju li għalihom żviluppatur kien diġà rċieva kumpens. Fatturi partikolari jikkontribwixxu għal din id-diffikultà, bħal:

- nuqqas ta' stimi robusti tal-art, li jwassal għal inċertezza dwar l-istimi tas-suq u l-valur reali ta' skontijiet mogħtija fi ftehimiet dwar l-akkwist ta' artijiet;
- nuqqas ta' dettall dwar valutazzjonijiet tan-natura tal-problemi ta' tniġġis fuq sit, li jwassal għal valutazzjoni insuffiċjenti tal-ispejjeż tar-rimedju (ara l-***Kaxxa 10***), u
- nuqqas ta' trasparenza fi ftehimiet dwar tranżazzjonijiet ta' art fir-rigward il-punt sa fejn il-partijiet huma responsabbli għar-rimedju.

**KAXXA 10**

## EŻEMPJI TA' FEJN L-ISPEJJEŻ TAR-RIMEDJU ĠEW STMATI B'MOD INSUFFIĊJENTI U FEJN L-UE U FONDI PUBBLIĊI OĦRA TAW IL-FINANZJAMENT ADDIZZJONALI MEĦTIEĠ

F'dak li qabel kien impjant tal-azzar (Dortmund, DE) aġenzija pubblika xtrat art kontaminata mill-entità li niġġset, li kienet kumpanija privata. F'dak iż-żmien, l-ispejjeż tar-rimedju ġew stmati għal EUR 58 miljun, u l-bejjiegħ qabel li jagħti skont fil-prezz għal nofs dan l-ammont (EUR 29 miljun) bħala tpattija għat-tneħħija tar-responsabbiltà tiegħu għat-tindif. L-ispiża eventwali tar-rimedju kienet ta' EUR 74,8 miljun (EUR 16,8 miljun aktar mill-ammont li fuqu ġie kkalkulat l-iskont tal-prezz). Din iż-żieda fl-ispiża ġiet assorbita mill-aġenzija pubblika b'suvvenzjoni ta' 25 % mill-FEŻR. F'dan il-każ, l-entità li niġġset kopriet biss EUR 29 miljun mit-total ta' EUR 74,8 miljun fi spejjeż tar-rimedju.

F'dak li qabel kien impjant tal-metall (Barnsley, UK), l-istima tal-bidu għad-dekontaminazzjoni kienet iddikjarata b'mod insuffiċjenti u, b'riżultat ta' dan, l-awtorità ta' ġestjoni approvat żieda ta' 15 % fl-ispiża totali u żieda korrispondenti fl-għotja mill-FEŻR.

**55.** Minħabba kuntesti kumplessi bħal dawn, hemm każijiet fost il-proġetti vverifikati fejn ma hemm ebda bażi ċara għall-istabbiliment tal-kost tal-art u ta' bini qadim. B'riżultat ta' dan, ma tistax tiġi eskluża dikjarazzjoni eċċessiva tal-ħtieġa għal fondi pubbliċi. Minħabba li attivitajiet bħal dawn huma eliġibbli għal kofinanzjament mill-FEŻR, b'rati ta' suvvenzjoni li jitilgħu sa 85 %, din hija problema għall-fondi tal-UE daqskemm hija għall-fondi nazzjonali.

### REGOLI DWAR L-GĦAJNUNA MILL-ISTAT MHUX APPLIKATI B'MOD XIERAQ

**56.** Regoli speċifiċi dwar l-għajnuna mill-Istat kienu ġew miftiehma mill-Kummissjoni u l-Istati Membri li jikkonċernaw 16-il proġett. Dawn ir-regoli ma ġewx applikati għalkollox fi tmien każijiet (ara l-***Kaxxa 11***).

### HEMM AMBITU LIMITAT GĦAT-TREĠĠIGĦ LURA TA' APPOĠĠ PUBBLIKU META PROĠETTI TA' RIĠENERAZZJONI JIĠĠENERAW AKTAR DĦUL MILLI MISTENNI

**57.** Dħul minn bejgħ jew kiri ta' assi jista' jirriżulta minn proġetti ta' riġenerazzjoni. Il-kontribuzzjoni pubblika għandha mbagħad tiġi determinata qabel l-approvazzjoni tal-għotja fuq il-bażi ta' stimi ta' dħul u spejjeż fuq perjodu ta' 20 sena[32] (ara l-paragrafu 46). Ladarba proġett ta' riġenerazzjoni jkun ġie implimentat, id-dħul u l-ispejjeż li tassew jirriżultaw jistgħu jkunu differenti mill-istimi tal-bidu. Kieku l-kalkolu tal-kontribuzzjoni pubblika kellu jkun rivedut b'mod retrospettiv, b'qies tad-dħul u l-ispejjeż reali, imbagħad wieħed jkun jista' jasal għall-konklużjoni li l-proġett kien imissu rċieva ammont aktar baxx tal-għotja. Rimborż ta' parti mill-għotja jew tal-għotja sħiħa jista' jkun ir-riżultat ta' dan. Filwaqt li r-regolamenti tal-Fondi Strutturali ma jitolbux valutazzjoni mill-ġdid tad-diskrepanza fil-finanzjament fuq il-bażi ta' ċifri reali, xi wħud mill-Istati Membri ħadu l-inizjattiva li jdaħħlu klawżola ta' rimborż fid-deċiżjonijiet ta' għotja. Dan kien il-każ għal 8 mill-15-il proġett li għalihom ġiet ivvalutata d-diskrepanza fil-finanzjament (ara l-paragrafu 48). Fil-Ġermanja, il-valutazzjoni mill-ġdid tqis id-dħul iġġenerat fi ħdan 15-il sena wara l-ikkompletar tal-proġett.

**58.** Fejn ma kienx possibbli li jiġi stmat id-dħul bil-quddiem jew inkella ma kien mistenni l-ebda dħul mill-proġetti, hemm dispożizzjoni fir-regolamenti tal-Fondi Strutturali li permezz tagħha l-awtoritajiet ta' ġestjoni jistgħu jitolbu rimborż tad-dħul iġġenerat sal-għeluq tal-programm operazzjonali, għall-perjodu 2000-2006, jew inkella fi ħdan perjodu ta' ħames snin mill-ikkompletar tal-proġett, għall-perjodu 2007-2013[33]. Madankollu, minħabba li proġetti ta' riġenerazzjoni ta' sikwit jimmaturaw fuq terminu ta' żmien twil, il-perjodu ta' ħames snin li jitqies bħalissa għall-valutazzjoni ta' dħul bħal dan huwa qasir wisq.

[32] Guide to Cost-Benefit Analysis of Investment Projects (Gwida għall-Analiżi tal-Benefiċċji meta Mqabbla mal-Ispejjeż fi Proġetti ta' Investiment). Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ Politika Reġjonali, Lulju 2008.

[33] Ara r-regola dwar l-eliġibbiltà Nru 2 tar-Regolament (KE) 448/2004 u l-Artikolu 55(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

KAXXA 11

## EŻEMPJI FEJN REGOLI DWAR L-GĦAJNUNA MILL-ISTAT MA ĠEWX RISPETTATI

Ir-regoli tar-Renju Unit dwar l-Għajnuna mill-Istat[34] jispeċifikaw li, fejn il-proprjetarju tal-art ikun ukoll il-promotur tal-proġett, il-qligħ tal-promoturi jrid jiġi eskluż mill-kalkolu tal-appoġġ finanzjarju pubbliku[35]. Madankollu, f'dak li qabel kien impjant tas-sustanzi kimiċi (Widnes, UK) u f'dik li qabel kienet minjiera tal-faħam/kokkerija (Sheffield, UK) din ir-regola ma ġietx rispettata u allowance għall-qligħ tal-promotur ġiet inkluża fil-kalkolu. Dan tqies aċċettabbli f'dak iż-żmien mill-Aġenzija tal-Iżvilupp Reġjonali, iżda l-perċentwal tal-qligħ ma ġiex ivvalutat minn stima ta' stimatur kwalifikat, kif meħtieġ fl-iskema applikabbli ta' għajnuna mill-Istat.

F'dik li qabel kienet minjiera miftuħa tat-tidwib tal-metall għall-forma (Rotherham, UK), is-sit ġie riġenerat minn sħubija pubblika-privata. L-art li ġiet ikkontribwita mill-imsieħeb privat ġiet evalwata għal 30 % tat-total tal-ispiża tal-proġett, u x-xogħlijiet ta' riġenerazzjoni li kellhom jitħallsu mill-imsieħeb privat ġew stmati għal 70 %. Madankollu, meta nbiegħu l-ħbula art, 70 % tad-dħul ġew allokati għall-imsieħeb privat u 30 % għall-imsieħeb pubbliku. B'dan il-mod, ingħata vantaġġ lill-proprjetarju privat, ħaġa li ma kinitx konformi mal-iskema applikabbli ta' għajnuna mill-Istat.



Ritratt 7 - Impjant taċ-ċelluloża fuq is-sit ta' dak li qabel kien impjant tal-enerġija nukleari ppjanat (Arneburg, il-Ġermanja)

F'dak li qabel kien impjant tal-enerġija nukleari ppjanat (Arneburg, DE) (ara r-***Ritratt 7***), il-promotur (muniċipalità) ħallas għar-riġenerazzjoni ta' art li kienet ta' grupp privat, bil-għan li jiġbed investituri industrijali lejn is-sit. Il-proprjetarju tal-art kien akkwista l-art fl-1993 u kien wettaq xi xogħol ta' twaqqigħ. Wara l-approvazzjoni tal-proġett ta' riġenerazzjoni, il-proprjetarju tal-art biegħ ħbula art għal prezz ħafna ogħla minn dak li oriġinarjament kien ħallas għalih. Skont id-dispożizzjonijiet tal-iskema applikabbli ta' għajnuna mill-Istat[36], il-kuntratt bejn il-promotur u l-proprjetarju kien imissu pprovda għat-trasferiment ta' benefiċċji tal-bejgħ tal-art lill-muniċipalità.

[34] N 747/A/99 – "Partnership support for regeneration (Appoġġ ta' sħubija għar-riġenerazzjoni) (1): Support for speculative developments (Appoġġ għal żviluppi spekulattivi)" (SG (2001) D/ 286569).

[35] F'xi każijiet il-qligħ huwa vvalutat għall-ammont ta' 15 % tal-valur ta' bejgħ ta' bini biż-żieda ta' 10 % tal-valur ta' bejgħ ta' ħbula art.

[36] L-iskema ta' għajnuna mill-Istat N 644 A/B/2002, approvata mill-KE fid-9.7.2003, li tirrifletti r-regoli li għalihom hemm proviżjoni fir-Rahmenplan 31 (b'mod notevoli l-Parti II, il-punt 7).



**Ritratt 8 - Binjiet qodma qegħdin jitwaqqgħu u jiġu rinnovati f'impjant elettriku mitluq li qiegħed jiġi kkonvertit f'ċentru tal-arti u l-kultura (Łódź, il-Polonja)**

# KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

## KONKLUŻJONI KUMPLESSIVA

**59.** Il-legat tat-tniġġis fuq siti industrijali u militari jibqa' ta' sfida sinifikanti għal ħafna Stati Membri. It-tindif ta' dan it-tniġġis storiku u r-riġenerazzjoni tas-siti x'aktarx xorta waħda se jkollhom jitħallsu minn fondi pubbliċi. Għal ħafna Stati Membri l-Miżuri Strutturali kienu sors kruċjali ta' finanzjament għal dan.

**60.** Proġetti li jirċievu appoġġ mill-UE s-soltu jwasslu għall-infrastruttura kif ippjanat. Madankollu, il-progress fuq ħafna mis-siti jimxi aktar bil-mod u jinħolqu inqas impjiegi milli mistenni.

**61.** Filwaqt li l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas huwa mifhum sew, minħabba diffikultajiet prattiċi ta' sikwit huma awtoritajiet pubbliċi b'appoġġ mill-Miżuri Strutturali tal-UE li jispiċċaw iħallsu għal ammont sinifikanti ta' xogħlijiet ta' rimedju; f'ebda wieħed mill-każijiet analizzati għal din il-verifika, dak li niġġes ma ħallas għalkollox għax-xogħlijiet ta' rimedju.

**62.** Valutazzjonijiet tad-diskrepanza fil-finanzjament, meta jsiru, ta' spiss mhumiex robusti biżżejjed u klawżoli ta' rimborż mhux dejjem jiġu inklużi fid-deċiżjonijiet ta' għotja.

**63.** Filwaqt li xi prattiki u prinċipji tajbin huma preżenti fl-attivitajiet ta' riġenerazzjoni fl-Istati Membri, nuqqas ta' informazzjoni dettaljata dwar il-firxa tal-problemi fuq l-art ifisser li jistgħu jittejbu l-azzjonijiet ta' prijoritizzazzjoni fuq is-siti li l-aktar jeħtieġu attenzjoni.



**Ritratt 9 - Bettija ta' blalen tal-plastik immudellati, użati għall-estrazzjoni ta' sustanzi niġġiesa ta' taħt l-art minn sit kontaminat (Dunaujvaros, l-Ungerija)**

## ILĦUQ TAL-OBJETTIVI TA' RIĠENERAZZJONI TA' SITI INDUSTRIJALI U MILITARI

**64.** Il-biċċa l-kbira tal-proġetti laħqu l-objettivi tagħhom f'dak li jirrigwarda prodotti fiżiċi. Madankollu, ir-riżultati tax-xogħol ta' rimedju mhux dejjem kienu ċċertifikati b'mod xieraq u hemm differenzi kbar bejn il-valuri ta' skrinjar nazzjonali tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija. Il-Kummissjoni pproponiet Direttiva dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-ħarsien tal-ħamrija (ara l-paragrafi 22 sa 25).

**65.** Fiż-żmien tal-verifika, il-biċċa l-kbira tal-proġetti kienu kisbu riżultati modesti f'dak li jirrigwarda attività ekonomika u impjiegi. It-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku kellu impatt fuq ir-riżultati miksuba u ma sarx biżżejjed użu mill-analiżijiet tas-suq biex jiġi ġustifikat l-iżvilupp kofinanzjat. L-aħjar riżultati ġew osservati f'siti li ġew riġenerati fil-kuntest ta' pjan ta' żvilupp integrat ċar u apposta li ssodisfa l-biċċa l-kbira tal-aħjar prattiki ta' riġenerazzjoni ġeneralment aċċettati (ara l-paragrafi 26 sa 34).

**RAKKOMANDAZZJONI 1**

L-Istati Membri għandhom:

(a) jirrikjedu li proġetti ta' riġenerazzjoni ta' siti abbandunati jkunu parti minn pjan ta' żvilupp integrat għall-belt jew għaż-żona kkonċernata;

(b) jitolbu lill-promoturi biex iwettqu analiżi tas-suq u jqisu l-alternattivi relevanti għall-futur possibbli ta' siti abbandunati li għandhom ikunu bbażati fuq il-pjan ta' żvilupp integrat;

(c) jiżguraw li r-riżultati tar-rimedju tas-sit jiġu ċċertifikati minn awtorità kompetenti jew korp akkreditat.

Il-Kummissjoni għandha:

(a) tipproponi, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri u abbażi ta' evidenza xjentifika u l-aħjar prattiki:

  (i) standards tal-UE għad-definizzjoni ta' siti kontaminati u s-sinifikat tar-riskji li joħolqu għall-ambjent u għas-saħħa,

  (ii) metodoloġija tal-UE għad-definizzjoni ta' standards ta' rimedju speċifiċi għas-sit filwaqt li jitqies l-użu tas-sit finali;

(b) tippromwovi l-applikazzjoni ta' approċċ ta' żvilupp integrat permezz tal-Programm Operazzjonali, billi tiġi rikjesta l-inklużjoni ta' proġetti ta' riġenerazzjoni ta' siti kofinanzjati fi pjan ta' żvilupp integrat.

## KRITERJI GĦALL-ALLOKAZZJONI TA' APPOĠĠ MILL-UE GĦAR-RIĠENERAZZJONI TA' SITI INDUSTRIJALI U MILITARI

**66.** Ir-riġenerazzjoni hija implimentata fl-Istati Membri b'konformità mal-biċċa l-kbira tal-aħjar prattiki ġeneralment aċċettati, iżda din hija mfixkla minn xkiel sinifikanti, bħan-nuqqas ta' riżorsi finanzjarji (ara l-paragrafi 37 sa 42).

**67.** Reġistri nazzjonali jipprovdu xi għarfien dwar is-sitwazzjoni ta' siti abbandunati, iżda huma mhux kompleti fl-Istati Membri kollha miżjura, u fi tnejn minnhom biss jinkludu informazzjoni xierqa għall-prijoritizzazzjoni ta' intervent pubbliku fir-rigward ta' siti kontaminati (ara l-paragrafi 43 sa 44).

68. Għalkemm ir-regolamenti tal-Fondi Strutturali ma jispeċifikaw l-ebda regola mmirata lejn il-promozzjoni ta' aspetti partikolari tal-aħjar prattiki ta' riġenerazzjoni ta' siti abbandunati, xi wħud mill-Istati Membri qegħdin jappoġġaw approċċ ta' żvilupp integrat u l-prinċipju ta' użu mill-ġdid ta' siti abbandunati minflok siti maħdara (ara l-paragrafu 45).

**RAKKOMANDAZZJONI 2**

L-Istati Membri għandhom:

(a) iqisu l-istabbiliment ta' strateġiji ta' riġenerazzjoni ta' siti abbandunati b'miri ċari;

(b) jippromovu r-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati, filwaqt li jiġi evitat l-użu ta' siti maħdara dment li ma jkunx strettament meħtieġ u, fin-nuqqas ta' dan, jiġu applikati miżuri ta' kumpens;

(c) iqisu miżuri biex jiġu indirizzati siti problematiċi li huma proprjetajiet privati fejn il-proprjetarju jonqos milli jieħu l-azzjoni meħtieġa;

(d) iqisu l-possibbiltà li l-użu interim ta' siti abbandunati bħala maħdara jsir aktar ta' spiss;

(e) jirrikjedu lill-awtoritajiet reġjonali jew lokali jżommu reġistri ta' siti abbandunati u kontaminati; dawn għandhom ikunu standardizzati mill-inqas fil-livell tal-Istati Membri sabiex ikunu jistgħu jiġu kkonsolidati f'reġistru nazzjonali ħalli tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' politika ta' riġenerazzjoni u rimedju ta' siti abbandunati;

(f) jiġbru listi ta' siti abbandunati fejn hemm kontaminazzjoni suspettata u tikklassifikahom skont ir-riskji korrispondenti għas-saħħa u l-ambjent. Is-siti għandhom jiġu prijoritizzati għar-rimedju sabiex tiġi ffaċilitata t-tħejjija ta' pjanijiet ta' rimedju li jikkontribwixxu għall-ħarsien tas-saħħa u għall-ilħuq tal-objettivi ambjentali tal-UE, bħall-istatus ekoloġiku ta' ilma tajjeb meħtieġ mid-Direttiva Qafas Ewropea dwar l-Ilma.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom:

(a) jappoġġaw l-applikazzjoni tal-aħjar prattiki fl-iżvilupp ta' parks kummerċjali u jagħtu preferenza għar-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati minflok għall-użu ta' siti f'maħdara.

## IL-KOST TAR-RIŻULTATI MIKSUBA

**69.** Ir-riżultati setgħu nkisbu b'inqas finanzjament mill-UE għal raġunijiet varji.

**70.** Fi proġetti li jiġġeneraw id-dħul, l-għotja pubblika mhux dejjem ġiet ġustifikata minn valutazzjoni tad-diskrepanza fil-finanzjament, u fejn id-diskrepanza ġiet ivvalutata ġew osservati nuqqasijiet (ara l-paragrafi 48 sa 49).

**71.** Fejn id-diskrepanza fil-finanzjament ġiet ivvalutata, id-deċiżjoni ta' għotja mhux dejjem kienet tinkludi klawżola ta' rimborż li tkun tapplika kieku l-proġett iġġenera aktar dħul milli kien mistenni u r-regolamenti tal-Fondi Strutturali ma jitolbux li jsir dan. Fejn ma kienx possibbli li jiġi stmat id-dħul bil-quddiem jew inkella ma kien mistenni l-ebda dħul mill-proġetti, ir-regolamenti tal-Fondi Strutturali jippermettu lill-awtoritajiet ta' ġestjoni jitolbu rimborż tad-dħul iġġenerat. Madankollu, minħabba li proġetti ta' riġenerazzjoni ta' sikwit jimmaturaw fuq terminu ta' żmien twil, il-perjodu ta' ħames snin meqjus bħalissa għall-valutazzjoni ta' dħul bħal dan huwa qasir wisq (ara l-paragrafi 57 sa 58).

**72.** Għalkemm il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas huwa preżervat fil-qafas legali tal-Istati Membri, dan ma ġiex applikat għalkollox u l-fondi nazzjonali u tal-UE ġarrbu parti mill-ispiża tar-rimedju ambjentali. Ftehimiet bejn min niġġes, proprjetarji ta' artijiet u żviluppaturi ta' sikwit mhumiex trasparenti biżżejjed, u mhuwiex dejjem possibbli jiġi aċċertat il-punt sa fejn min niġġes tassew ġarrab l-ispejjeż tax-xogħlijiet ta' rimedju (ara l-paragrafi 50 sa 55).

**73.** Regoli speċifiċi dwar l-għajnuna mill-Istat ma ġewx applikati għalkollox mill-awtoritajiet tal-Istati Membri (ara l-paragrafu 56).

**RAKKOMANDAZZJONI 3**

L-Istati Membri għandhom:

(a) jivvalutaw id-diskrepanza fil-finanzjament b'mod rigoruż għal kull proġett;

(b) jirrikjedu li l-firxa ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas tiġi meqjusa b'mod espliċitu għall-proġetti kollha ta' riġenerazzjoni u li l-applikazzjoni ta' dak il-prinċipju jsir kundizzjoni għall-għoti ta' finanzjament mill-UE;

(c) japplikaw id-dispożizzjonijet kollha tal-iskemi ta' għajnuna mill-Istat li dwarhom sar ftehim mal-Kummissjoni;

(d) jagħmlu kontrolli dettaljati biex jiżguraw li ma jingħatawx sussidji għar-rimedju fir-rigward ta' siti li għalihom promotur diġà rċieva skontijiet fil-prezz tax-xiri. Għal dan, l-awtorità pubblika għandu jkollha stima affidabbli tas-suq tal-art, valutazzjoni realistika tal-ispejjeż probabbli tax-xogħlijiet ta' rimedju, u trasparenza sħiħa tat-termini tal-akkwist tal-art u kwalunkwe skont fil-prezz inkluż fih;

(e) jinkludu klawżola ta' rimborż fid-deċiżjonijiet ta' għotja kollha għall-proġetti ta' riġenerazzjoni biex huma jkollhom il-possibbiltà jivvalutaw il-prestazzjoni finanzjarja ta' proġetti mill-ġdid fid-dawl ta' żviluppi matul perjodu itwal (ngħidu aħna 15-il sena), u biex fejn proġetti jkunu ġġeneraw aktar dħul milli mistenni, parti mill-għotja jew inkella l-għotja sħiħa tkun tista' titreġġa' lura. Il-Kummissjoni għandha ssegwi l-applikazzjoni ta' klawżoli ta' rimborż bħal dawn.

Il-Kummissjoni għandha:

(a) tqis l-opportunità li tiddefinixxi prinċipji komuni għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas f'każ ta' kontaminazzjoni li tkun ġiet qabel l-introduzzjoni tal-prinċipju fil-liġi;

(b) tfakkar lill-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-Istati Membri dwar l-obbligu tagħhom li jiddeterminaw id-diskrepanza fil-finanzjament għall-proġetti kollha li jistgħu jiġġeneraw dħul, u japplikaw ir-regoli applikabbli kollha ta' għajnuna mill-Istat.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla II, immexxija mis-Sur Harald NOACK, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-12 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*



**Ritratt 10 – Art imħejjija għall-kostruzzjoni ta' infrastruttura tat-toroq fuq is-sit ta' dawk li qabel kienu munzelli gagazza (Jaworzno, il-Polonja)**

ANNESS I

## FINANZJAMENT TAR-RIĠENERAZZJONI TA' SITI INDUSTRIJALI U MILITARI, TAĦT IL-MIŻURI STRUTTURALI (PERJODI 2000-2006[1] U 2007-2013)

| Riġenerazzjoni 2000-2006 ta' siti industrijali u militari taħt il-Miżuri Strutturali | | | | Riġenerazzjoni 2007-2013 ta' siti industrijali u militari taħt il-Miżuri Strutturali | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Stat Membru | Klassifi-kazzjoni | Ammont allokat (EUR) | % | Stat Membru | Klassifi-kazzjoni | Ammont allokat (EUR) | % |
| Il-Ġermanja | 1 | 645 490 864 | 28,7 | L-Ungerija | 1 | 475 191 832 | 14,0 |
| Ir-Renju Unit | 2 | 574 288 905 | 25,5 | Ir-Repubblika Ċeka | 2 | 372 290 509 | 11,0 |
| Franza | 3 | 195 305 373 | 8,7 | Il-Ġermanja | 3 | 335 518 228 | 9,9 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 4 | 160 821 924 | 7,2 | Ir-Rumanija | 4 | 316 430 710 | 9,3 |
| Il-Portugall | 5 | 156 012 908 | 6,9 | L-Italja | 5 | 298 355 961 | 8,8 |
| L-Italja | 6 | 143 383 095 | 6,4 | Il-Polonja | 6 | 278 413 953 | 8,2 |
| Il-Belġju | 7 | 65 421 025 | 2,9 | Il-Portugall | 7 | 191 960 262 | 5,7 |
| Il-Greċja | 8 | 55 655 389 | 2,5 | Ir-Renju Unit | 8 | 178 957 047 | 5,3 |
| Spanja | 9 | 54 873 962 | 2,4 | Spanja | 9 | 177 403 701 | 5,2 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 10 | 46 073 161 | 2,0 | L-Estonja | 10 | 138 045 325 | 4,1 |
| Il-Polonja | 11 | 43 940 360 | 2,0 | Is-Slovenja | 11 | 130 400 000 | 3,8 |
| L-Ungerija | 12 | 28 773 946 | 1,3 | Il-Bulgarija | 12 | 108 322 014 | 3,2 |
| Il-Finlandja | 13 | 18 104 950 | 0,8 | Franza | 13 | 90 193 437 | 2,7 |
| L-UE interreġjonali | 14 | 17 035 874 | 0,8 | Il-Belġju | 14 | 62 048 204 | 1,8 |
| L-UE transkonfinali | 15 | 13 996 478 | 0,6 | Il-Latvja | 15 | 49 000 000 | 1,4 |
| Il-Latvja | 16 | 11 414 454 | 0,5 | Malta | 16 | 48 280 000 | 1,4 |
| Il-Lussemburgu | 17 | 10 019 687 | 0,4 | UE transkonfinali | 17 | 47 801 926 | 1,4 |
| Is-Slovenja | 18 | 2 924 609 | 0,1 | Il-Pajjiżi l-Baxxi | 18 | 28 799 000 | 0,8 |
| Malta | 19 | 2 539 367 | 0,1 | Il-Greċja | 19 | 26 295 000 | 0,8 |
| L-Estonja | 20 | 1 712 389 | 0,1 | Ċipru | 20 | 16 150 000 | 0,5 |
| L-Awstrija | 21 | 674 726 | 0,0 | Il-Litwanja | 21 | 14 501 892 | 0,4 |
| | | | | Il-Lussemburgu | 22 | 3 786 550 | 0,1 |
| | | | | Il-Finlandja | 23 | 2 071 886 | 0,1 |
| **TOTAL UE** | | **2 248 463 446** | **100,0** | **TOTAL UE** | | **3 390 217 437** | **100,0** |

[1] Għall-perjodu 2000-2006, iċ-ċifri għall-Istati Membri UE-10 huma mill-2004 'l quddiem.

*Sors: Data* tal-31.12.2010 tad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana.

ANNESS II

## KAMPJUN TA' 27 PROĠETT IVVERIFIKATI

| | | | | | | Xogħlijiet ta' riġenerazzjoni kofinanzjati mill-FEŻR | | | | | | Riżultati tar-Riġenerazzjoni ppjanata / użu ppjanat ta' art għall-futur | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Il-proġettii kofinanzjati tal-UE ġew ikkompletati? | Kofinanzjament mill-FEŻR (*EUR miljun*) | Il-ħolqien tal-impjiegi huwa mmriat? | Dekontaminazzjoni / stabilizzazzjoni | Tfassil ta' pajsaġġi | Twaqqigħ / rinnovament ta' bini qadim | Toroq, utilitajiet u infrastruttura oħra | Taqsim ta' art għal bejgħ mill-ġdid jew għal kirjiet | Kostruzzjoni ta' bini lest biex jintuża | Art u bini għall-użu industrijali jew kummerċjali | Art u bini għall-użu pubbliku | Faċilitajiet ta' park pubbliku | Riżerva (pubblika jew privata) |
| Xogħlijiet ta' rimedju biss | Dak li qabel kien impjant tat-trattament tal-uranju** | Mydlovary (CZ) | Iva | 18,50 | | √ | | √ | | | | | | | √ |
| | Dik li qabel kienet minjiera tal-faħam / kimika mormija | Berhida-Peremartoni (HU) | | 16,83 | | √ | | | | | | | | | √ |
| | Impjant tal-azzar | Dunaujvaros (HU) | Iva | 2,93 | Y | √ | | | | | | | | | √ |
| | Dik li qabel kienet fabbrika tal-isplussivi | Berhida-Peremartoni (HU) | | 0,06 | Y | √ | | | | | | √ | | | |
| Xogħlijiet ta' żvilupp mill-ġdid biss | Dak li qabel kien impjant tal-azzar u tal-metall *[Skoda]* | Pilsen (CZ) | Iva | 1,36 | Y | | | √ | | | | √ | | | |
| | Fabbrika tat-teknoloġija tal-informatika | Brno (CZ) | Iva | 0,43 | Y | | | √ | | | | √ | | | |
| | Dik li qabel kienet raffinerija taż-żejt | Braunsbedra (DE) | Iva | 6,32 | Y | | | √ | √ | √ | | √ | | | |
| | Dak li qabel kien impjant tal-enerġija nukleari ppjanat | Arneburg (DE) | Iva | 26,58 | Y | | | √ | √ | | | √ | | | |
| | Dak li qabel kien xaft ta' minjiera tal-faħam | Jaworzno (PL) | Iva | 3,32 | Y | | √ | | √ | √ | | √ | | | |
| | Art pubblika riżervata | Halton (UK) | Iva | 2,53 | Y | | √ | | √ | | | √ | | | |

**ANNESS II**

| | Proġett | Post | Il-proġetti kofinanzjati tal-UE ġew ikkompletati? | Kofinanzjament mill-FEŻR (*EUR miljun*) | Il-ħolqien tal-impjiegi huwa mmirat? | Xogħlijiet ta' riġenerazzjoni kofinanzjati mill-FEŻR: Dekontaminazzjoni / stabilizzazzjoni | Tfassil ta' pajsaġġi | Twaqqigħ / rinnovament ta' bini qadim | Toroq, utilitajiet u infrastruttura oħra | Taqsim ta' art għal bejgħ mill-ġdid jew għal kirjiet | Kostruzzjoni ta' bini lest biex jintuża | Riżultati tar-Riġenerazzjoni ppjanata / użu ppjanat ta' art għall-futur: Art u bini għall-użu industrijali jew kummerċjali | Art u bini għall-użu pubbliku | Faċilitajiet ta' park pubbliku | Riżerva (pubblika jew privata) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rimedju mħallat u xogħol ta' żvilupp | Dak li qabel kien impjant tal-metall | Halle (DE) | Iva | 3,79 | Y | √ | | | √ | | | √ | | | |
| | Dik li qabel kienet minjiera tal-faħam / kokkerija III* | Essen (DE) | Iva | 2,21 | Y | √ | | √ | √ | √ | | √ | | | |
| | Munzelli gagazza | Jaworzno (PL) | | 7,07 | Y | √ | √ | | √ | | | √ | | | |
| | Dak li qabel kien port industrijali I | Barrow-in-Furness (UK) | Iva | 5,89 | Y | √ | √ | | √ | √ | | √ | | | |
| | Dak li qabel kien port industrijali II | Barrow-in-Furness (UK) | Iva | 5,79 | Y | √ | √ | | √ | √ | | √ | | | |
| | Dak li qabel kien impjant tal-azzar I | Duisburg (DE) | Iva | 15,21 | Y | √ | √ | √ | √ | | | √ | | | |
| | Dak li qabel kien impjant taż-żingu II | Duisburg (DE) | Iva | 20,90 | Y | √ | √ | √ | √ | | | √ | | | |
| | Dak li qabel kien impjant tal-azzar* | Dortmund (DE) | Iva | 30,32 | Y | √ | √ | √ | √ | √ | | √ | | | |
| | Dik li qabel kienet minjiera tal-faħam / kokkerija I* | Essen (DE) | Iva | 12,79 | Y | √ | √ | √ | √ | | √ | | √ | √ | |
| | Dik li qabel kienet minjiera tal-faħam / kokkerija II | Essen (DE) | | 3,02 | | √ | √ | | √ | | | | | √ | |
| | Dak li qabel kien kwartieri tas-suldati u fabbrika tal-batteriji | Marcali (HU) | Iva | 3,02 | | √ | √ | √ | √ | | √ | | | √ | |
| | Dak li qabel kien impjant tal-enerġija* | Łódź (PL) | | 20,61 | Y | √ | √ | √ | √ | | √ | √ | √ | | |
| | F'dik li qabel kienet minjiera miftuħa tat-tidwib tal-metall għall-forma I | Rotherham (UK) | Iva | 4,51 | Y | √ | √ | √ | √ | √ | | √ | | | |
| | F'dik li qabel kienet minjiera miftuħa tat-tidwib tal-metall għall-forma II | Rotherham (UK) | Iva | 5,22 | Y | √ | √ | √ | √ | √ | | | | | |
| | Dik li qabel kienet minjiera tal-faħam / kokkerija | Sheffield (UK) | Iva | 10,33 | Y | √ | √ | √ | √ | √ | √ | √ | | | |
| | Dak li qabel kien impjant tal-metall | Barnsley (UK) | Iva | 8,81 | Y | √ | √ | √ | √ | √ | √ | √ | | | |
| | Dak li qabel kien impjant tal-kimika | Widnes (UK) | Iva | 2,53 | Y | √ | √ | | √ | √ | √ | √ | | | |

*Noti:* Proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni(**) jew 'proġetti maġġuri' tal-FEŻR (*) li għalihom kienet meħtieġa approvazzjoni bil-quddiem mill-Kummissjoni Ewropea.

*Sors:* Rapport ta' implimentazzjoni finali tal-PO għal proġetti mill-perjodu ta' programmar 2000-2006; deċiżjonijiet ta' għotja għal proġetti mill-perjodu ta' programmar 2007-2013. Muniti nazzjonali kkonvertiti f'euro bir-rata medja tal-kambju tal-Bank Ċentrali Ewropew għall-perjodu ta' programmar korrispondenti.

# RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

## SINTEŻI EŻEKUTTIVA

**I.**
Ir-riġenerazzjoni ta' siti militari jew industrijali jew abbandunati tikkostitwixxi parti importanti mix-xogħol biex reġjun isir aktar attraenti u tikkontribwixxi għall-ħolqien tal-impiegi.

**III. (a)**
Iċ-ċertifikazzjoni hi meqjusa bħala prassi tajba. Madankollu, in-nuqqas ta' ċertifikazzjoni, u d-differenzi bejn il-valuri tal-iskrining nazzjonali tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija ma għandhomx jimplikaw awtomatikament li x-xogħol ta' dekontaminazzjoni u riġenerazzjoni ma sarx kif suppost.

L-iżviluppi tal-proġett dejjem iseħħu f'kuntest ta' inċertezzi ekonomiċi. Xi proġetti ffaċċjaw dewmien minħabba limitazzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku flimkien ma' tnaqqis tad-defiċit fuq livell nazzjonali. It-tnejn għandhom impatt fuq il-prijoritajiet ta' politiki pubbliċi. Barra minn hekk, il-ħolqien tal-impjiegi huwa objettiv fit-tul ta' dawn il-proġetti.

Il-kunċett ta' "pjan integrat ta'żvilupp urban" huwa integrat fil-linji gwida strateġiċi Komunitarji u fl-Artikolu 44 tar-Regolament (KE) Nru 1828/2006. L-istrument finanzjarju ta' inġinerija JESSICA jista' jiġi mmobilizzat biss f'inħawi fejn ikun twaqqaf tali pjan. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 il- jista' jappoġġja strateġiji integrati u sostenibbli li jittrattaw il-konċentrazzjoni għolja ta' problemi ekonomiċi, ambjentali u soċjali li jaffettwaw iż-żoni urbani, inklużi fost oħrajn, ir-riabilitazzjoni tal-ambjent fiżiku u l-iżvilupp mill-ġdid tas-siti abbandunati.

**III. (b)**
Fl-2006, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva Qafas dwar il-Ħamrija (COM(2006) 232) li tipprovdi għal definizzjoni ta' "sit kontaminat" u tirrikjedi l-istabbiliment ta' inventarju ta' siti bħal dawn fit-territorju nazzjonali tal-Istati Membri. Siti abandunati huma spiss ikkontaminati u, għalhekk, jiġu wkoll identifikati. Il-Parlament Ewropew adotta l-proposta fl-ewwel qari f'Novembru tal-2007. Il-Kunsill għad irid jaqbel dwar pożizzjoni komuni.

Il-Kummissjoni ħadet ukoll inizjattivi lil hinn mill-qafas legali biex tippromwovi prassi tajba pereżempju li jiffavorixxu r-riabilitazzjoni ta' siti abbandunati żdingati minflok l-użu ta' siti f'maħdar u l-koordinazzjoni tal-użu tal-art.

**III. (c)**
Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li fil-passat kien hemm xi dgħufijiet fl-istabbiliment ta' rati ta' għotjiet parzjalment minħabba wkoll il-qafas regolatorju. Għall-proġetti tal-2000-2006 li jiġġeneraw dħul nett sostanzjali, ġew stabbiliti rati massimi ta' kofinanzjament skont l-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) 1260/1999. Il-valutazzjoni tad-diskrepanza fil-finanzjament kienet minquxa fir-Regolament tal-2007-2013.

Fil-perjodu 2007-2013 id-dħul li jista' jiġi determinat bil-quddiem hu kkunsidrat għal perjodu ta' bejn 10 u 30 sena skont is-settur. Għas-settur tal-ambjent il-gwida tal-analiżi tal-kost-benefiċċju (CBA) tirrakkomanda medda ta' żmien ta' referenza ta' 30 sena, applikata għall-iskontar tal-ispejjeż u d-dħul tal-proġett.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-inklużjoni ta' klawżola ta' rimborż fl-ittra tal-għotja maħruġa mill-awtorità ta' ġestjoni huwa każ ta' prassi tajba li tista' tiġi inkluża utilment mill-Istati Membri fir-regoli nazzjonali tagħhom.

L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, fil-prattika hija sfida diffiċli. Ta' spiss ma jkunx possibbli li tobbliga lill-persuna jew lill-entità ġuridika li kienet fl-ewwel post responsabbli għall-ikkawżar tat-tniġġis biex tħallas għar-rimedju peress li, f'ħafna każijiet, tali persuna jew entità legali ma tkunx għadha teżisti, jew tkun tista' turi li kkonformat mar-regoli applikabbli fiż-żmien tat-tniġġis.

# RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

**IV. (a)**
Il-Kummissjoni taqbel ma' din ir-Rakkomandazzjoni lill-Istati Membri, u diġà talbet għal approċċ integrat għall-iżvilupp mhux biss fil-Qafas Strateġiku tal-Komunità (CSF) iżda wkoll fir-Regolament tal-Kummissjoni.

**IV. (b)**
Dan l-aħħar is-servizzi tal-Kummissjoni ppubblikaw dokument ta' ħidma tal-persunal (SWD(2012) 101 final/2) li fih "Linji gwida dwar l-aħjar prassi biex jiġi limitat, imtaffi jew ikkumpensat is-siġillar tal-ħamrija". Id-dokument jiddeskrivi approċċi li ġew implimentati fl-Istati Membri, inkluża l-prevenzjoni tal-konverżjoni ta' żoni ekoloġiċi u l-issiġillar sussegwenti ta' (parti minn) l-uċuħ tagħhom, u l-użu mill-ġdid ta' żoni diġà mibnija, eż. siti abbandunati.

**IV. (c)**
Bil-ħsieb tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas u l-għajnuna mill-Istat, il- qafas regolatorju tal-Fondi Strutturali għall-2007-2013 diġà jinkludi l-osservazzjonijiet tal-Qorti.

Rigward il-klawsola tar-rimborż fl-ittra tal-għotja maħruġa mill-awtorità ta' ġestjoni, il-Kummissjoni tqis li huwa każ ta' prassi tajba li tista' tiġi inkluża utilment mill-Istati Membri fir-regoli nazzjonali tagħhom. Madankollu, skont il-prinċipju ta' ġestjoni kondiviża, peress li l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni joħorġu d-deċiżjonijiet ta' għotja, għandhom ukoll jimmonitorjaw l-applikazzjoni tal-klawżola tar-rimbors peress li huma jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-proġetti.

**IV. (d)**
Il-Kummissjoni taqbel mar-rakkomandazzjoni tal-Qorti iżda tirrimarka li ppreżentat proposta għal Qafas ta' Direttiva dwar il-Ħamrija (COM(2006) 232) fl-2006 li se tintroduċi bażi legali sabiex jiġu proposti standards tal-UE għad-definizzjoni ta' siti kkontaminati, ir-riskju li dawn jippreżentaw u l-metodoloġiji ta' rimedju. Il-Kummissjoni tenfasizza li l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni speċifika tal-UE fuq il-ħamrija tistrieħ fuq il-koleġiżlaturi.

Is-siti abbandunati pjuttost ta' spiss jinsabu f'żoni urbani. Il-Kummissjoni diġà qed tippromwovi żvilupp sostenibbli urban integrat permezz tal-programmi prinċipali attwali u permezz tal-vettura tal-istrument finanzjarju JESSICA, li tirrikjedi l-istabbiliment ta' pjan integrat ta' żvilupp urban.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirrakkomanda bil-qawwa li l-Istati Membri jinkorporaw ir-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati bħala parti ewlenija tal-approċċ integrat tagħhom ta' żvilupp urban billi r-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati hija inkluża f'wieħed mill-erba' prijoritajiet ta' investiment speċifiċi għall-inħawi urbani.

Dan l-approċċ se jissaħħaħ b'mod sinifikanti matul il-perjodu 2014-2020.

**IV. (e)**
Il-Kummissjoni ħadet inizjattivi lil hinn mill-qafas legali biex tippromwovi prassi tajba pereżempju li jiffavorixxu r-riabilitazzjoni ta' siti abbandunati żdingati minflok l-użu ta' siti f'maħdar u l-koordinazzjoni tal-użu tal-art.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-proposta għal Direttiva Qafas dwar il-Ħamrija (COM(2006) 232) tkun tirrikjedi l-identifikazzjoni ta' siti kkontaminati f'territorji nazzjonali.

# RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

## INTRODUZZJONI

**5.**
Il-Kummissjoni tinnota li l-operaturi li jwettqu attivitajiet perikolużi huma strettament responsabbli biex jirrimedjaw it-tniġġis tal-ħamrija li tkun saret wara t-30 ta' April 2007, id-data meta daħlet fis-seħħ id-Direttiva dwar ir-Responsabilità Ambjentali 2004/35/KE. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tixtieq tfakkar li hija ppreżentat proposta għal Direttiva Qafas dwar il-Ħamrija (COM(2006) 232) fl-2006 li tkun teħtieġ l-identifikazzjoni tas-siti kkontaminati kollha, inklużi dawk kontaminati qabel April 2007. Din il-proposta għadha qed tiġi diskussa fil-Kunsill. Il-Parlament Ewropew adotta l-ewwel qari tagħha f'Novembru 2007.

**6.**
Il-promozzjoni ta' approċċ integrat għall-iżvilupp u l-użu mill-ġdid ta' siti abbandunati huma kunċetti wesgħin[1].

L-approċċ għall-iżvilupp integrat huwa promoss billi d-dimensjonijiet varji tal-ħajja urbana – ambjentali, ekonomiċi, soċjali u kulturali huma minsuġa flimkien. Suċċess fl-iżvilupp urban jista' jinkiseb biss permezz ta' approċċ integrat. Miżuri li jikkonċernaw tiġdid fiżiku urban għandhom, għalhekk, jiġu magħquda ma' miżuri li jippromovu l-edukazzjoni, l-iżvilupp ekonomiku, l-inklużjoni soċjali u l-ħarsien tal-ambjent.

[1] Ara l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru.1080/2006 u l-Komunikazzjoni "Politika ta' Koeżjoni u l-bliet: il-kontribut tal-ibliet għat-tkabbir u l-impjiegi fir-reġjuni", COM (2006) 385 finali.

## AMBITU U OBJETTIVI TAL-VERIFIKA

**17.**
Ħlief għal proġetti kbar, il-Kummissjoni ma żżomx fajls dwar il-proġetti, iżda jżommuhom l-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-Istati Membri .

## OSSERVAZZJONIJIET

### 23. It-tieni inċiż
Iċ-ċertifikazzjoni hi meqjusa bħala prassi tajba. Madankollu, in-nuqqas ta' ċertifikazzjoni ma għandux jimplika awtomatikament li x-xogħol ta' dekontaminazzjoni u riġenerazzjoni ma sarx kif suppost.

Jekk jogħġbok ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 5 u r-referenza għall-proposta tagħha tal-2006 għal Direttiva Qafas dwar il-Ħamrija (COM(2006) 232).

**24.**
Ma hemm l-ebda valuri tal-iskrining armonizzzati tal-kontaminanti u standards armonizzati tal-ħamrija biex wieħed jiddefinixxi jekk is-sit jippreżentax riskji sinifikanti għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem u bħalissa ma hemmx definizzjoni armonizzata tal-UE ta' "sit kontaminat". Fl-2006, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva Qafas dwar il-Ħamrija (COM(2006) 232) li tipprovdi għal definizzjoni ta' sit kontaminat' u tirrikjedi l-istabbiliment ta' inventarju ta' siti bħal dawn fit-territorju nazzjonali tal-Istati Membri. L-adozzjoni ta' din id-Direttiva se tipprovdi l-bażi legali meħtieġa għall-adozzjoni sussegwenti – jekk jinqala' l-bżonn u wara skambju ta' informazzjoni mal-Istati Membri– tal-elementi tekniċi komuni tal-UE għall-evalwazzjoni tar-riskji ta' kontaminazzjoni, li ma jkollhomx xi effett fuq l-aċċettabbiltà tar-riskji.

Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 5.

# RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

**26.**
Il-Kummissjoni hi sodisfatta li għoxrin mit-tnejn u għoxrin proġett lesti u awditjati laħqu l-miri tal-output tagħhom jew laħquhom kważi kollha (>90 %).

**27.**
Proġetti ta' riġenerazzjoni ta' siti abbandunati jeħtieġu perjodu twil biex jiksbu r-riżultati mistennija.

**Kaxxa 1**
L-eżempju tal-ex port industrijali (Barrow-in-Furness, ir-Renju Unit) juri d-diffikultà li jitwettqu proġetti fil-kuntest ta' kriżi ekonomika.

**Kaxxa 2**
Dwar l-eżempju tal-ex raffinerija taż-żejt (Braunsbedra, DE), ir-riċerka ta' possibilitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni tal-inħawi riabilitati kienet kondizzjoni ta' finanzjament. Madankollu, l-awtorità tal-ġestjoni ma tistax tantiċipa ġrajjiet fiż-żmien tal-approvazzjoni tal-finanzjament li jistgħu jseħħu wara snin. Ikunu xi jkunu l-kriterji li jiġu stabbiliti, l-uniku kontroll possibbli hu fuq il-plawżibbiltà tar-riċerka tal-kummerċjalizzazzjoni.

**Kaxxa 3**
L-eżempju tal-ex impjanti tal-metall (Barnsley, ir-Renju Unit, magħżula bħala bħala "Belt ta' rinnovament" taħt il-pjan ta' Żvilupp Reġjonali) turi d-diffikultà li jitwettqu proġetti fil-kuntest ta' kriżi ekonomika. Parti mill-għanijiet segwiti mill-FEŻR hi li żona tissebbaħ, li mhux dejjem jista' jitkejjel f'termini kwantitattivi.

Fir-rigward tal-ex impjanti tal-azzar (Dortmund, DE), l-implimentazzjoni tal-proġett hija parzjalment kontinġenti fuq fatturi esterni li ma jistgħux ikunu influwenzati la mill-Istati Membri u lanqas mill-Kummissjoni. Il-fatt li ġew mibjugħa 22 % biss taż-żona disponibbli sa nofs l-2011 jista' jiġi attribwit għall-kriżi ekonomika.

**31.**
Proġetti ta' riġenerazzjoni ta' siti abbandunati jeħtieġu perjodu twil biex jiksbu r-riżultati u l-impatti tagħhom. Il-ħolqien tal-impjiegi huwa objettiv fit-tul, b'mod partikolari meta proġetti jkollhom l-għan li jtejbu l-ambjent għal attività ekonomika.

**32.**
Il-Kummissjoni hi sodisfatta bil-konklużjoni tal-Qorti.

**38.**
Dan l-aħħar is-servizzi tal-Kummissjoni ppubblikaw dokument ta' ħidma tal-persunal (SWD(2012) 101 final/2) li fih "*Linji gwida dwar l-aħjar prassi biex jiġi limitat, imtaffi jew ikkumpensat is-siġillar tal-ħamrija*". Id-dokument jiddeskrivi approċċi li ġew implimentati fl-Istati Membri, inkluża l-prevenzjoni tal-konverżjoni ta' żoni ekoloġiċi u l-issiġillar sussegwenti ta' (parti minn) l-uċuħ tagħhom, u l-użu mill-ġdid ta' żoni diġà mibnija, eż. siti abbandunati.

**39.**
Il-Kummissjoni tinnota li f'mill-inqas tnejn minn ħames Stati Membri awditjati, kienu fis-seħħ dispożizzjonijiet biex jippromwovu l-użu interim ta' żona ġdida ta' siti abbandunati riġenerati.

**40.**
Il-Kummissjoni tinnota li l-ilġiem ta' baġits nazzjonali u/jew reġjonali, l-eżistenza ta' reġistri għal siti abbandunati u l-inċertezzi dwar il-pussess tal-artijiet dejjem jnfluwenza l-esekuzzjoni tal-proġetti.

**40. It-tieni inċiż**
Il-Kummissjoni tinnota li d-Direttiva Qafas dwar il-Ħamrija proposta (COM(2006) 232) tirrikjedi lill-Istati Membri biex jidentifikaw is-siti kkontaminati madwar it-territorji tagħhom u jagħmlu tali inventarju pubbliku (ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 24). Siti abbandunati huma ta' spiss ikkontaminati u, għalhekk, jiġu wkoll identifikati.

**43.**
Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġiba tagħha għall-paragrafi 24 u 40: hija tinnota li d-Direttiva Qafas dwar il-Ħamrija proposta tkun teħtieġ li l-Istati Membri jidentifikaw is-siti kkontaminati madwar it-territorji tagħhom u jagħmlu tali inventarju pubbliku.

# RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

**Kaxxa 5**
Fil-każ tal-Polonja, għalkemm hemm inizjattivi fil-livell lokali, reġistru nazzjonali ċertament jippermetti prijoritizzazzjoni aħjar.

Madankollu, il-"Kunċett tal-Iżvilupp Spazjali Nazzjonali 2030" adottat mill-Gvern Pollakk f'Marzu tal-2012 se jiżgura l-koordinazzjoni tal-ippjanar u l-approċċ integrat ta' żoni rivitalizzati.

**44.**
Il-Kummissjoni tirreferi għar-risposta tagħha għall-paragrafu 43.

**Kaxxa 6**
Il-Kummissjoni tirreferi għar-risposta tagħha għall-paragrafu 40, it-tieni inċiż.

**45.**
Il-kriterji tal-għażla għall-proġetti kkofinanzjati tal-FEŻR huma deċiżi mill-Kumitati tal-Monitoraġġ tal-programmi. Il-Kummissjoni tħeġġeġ li l-kriterji tal-għażla jinkludu kunċetti bħall-valur miżjud, il-valur għall-flus u s-sostenibbiltà ambjentali u tirrakkomanda li jiġu applikati l-aħjar prassi.

Il-Kummissjoni tieħu diversi inizjattivi lil hinn minn strumenti legali biex tippromwovi prassi tajba f'dan ir-rigward. Pereżempju il-Komunikazzjoni tagħha "Politika ta' Koeżjoni u l-ibliet: il-kontribut urban għat-tkabbir u għall-impjiegi fir-reġjuni" (COM(2006) 385 finali) tippromwovi r-riabilitazzjoni ta' siti żdingati abbandunati minflok l-użu ta' siti f'maħdar u l-koordinazzjoni tal-użu tal-art u l-politiki ta' Koeżjoni biex tiġi mmaniġġjata l-espansjoni urbana. Is-servizzi tagħha organizzaw u ppubblikaw onlajn ukoll rapport ta' esperti dwar ir-riżultati tal-workshop tal-2010 dwar il-Konferenza Reġjuni għal Bidla Ekonomika dwar "Użu mill-ġdid ta' siti u bini abbandunat", li jipprovdi prassi tajba.

**45. L-ewwel inċiż**
Din il-prijoritizzazzjoni ta' proġetti u deċiżjoni dwar ir-rata tal-finanzjament tal-UE fuq il-livell tal-proġett taqa' taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet tal-programm.

**48. It-tieni inċiż**
Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li fil-passat kien hemm xi dgħufijiet fl-istabbiliment tar-rati ta' għotjiet parzjalment ukoll minħabba l-qafas regolatorju. Għall-proġetti tal-2000-2006 li jiġġeneraw dħul nett sostanzjali, ġew stabbiliti rati massimi ta' kofinanzjament skont l-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) 1260/1999. Il-valutazzjoni tad-diskrepanza fil-finanzjament kienet minquxa fir-Regolament tal-2007-2013.

**Kaxxa 7**
B'kunsiderazzjoni għall-art ta' riżerva pubblika (Halton, ir-Renju Unit), il-metodoloġija tad-diskrepanza fil-fondi li hija applikata mill-2007 ma kinetx tapplika bl-istess mod fil-perjodu 2000-2006. Il-kofinanzjament tal-FEŻR huwa taħt ir-rata massima ta' intervent kif previst fl-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999, u għalhekk tabilħaqq ikkunsidra d-dħul potenzjali li se jiġi ġġenerat, f'konformità mar-regolamenti applikabbli.

Rigward l-ex power station nukleari ppjanata (Arneburg, DE), il-metodoloġija tad-diskrepanza fil-finanzjament li hija applikata mill-2007 ma kinetx tapplika bl-istess mod fil-perjodu 2000-2006 (ara l-Artikolu 29 (4) tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999).

**49.**
Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li fil-passat kien hemm xi dgħufijiet fl-istabbiliment ta' rati ta' għotjiet parzjalmenti minħabba wkoll il-qafas regolatorju. Għal proġetti li jiġġeneraw dħul nett sostanzjali, ġew stabbiliti rati massimi ta' kofinanzjament skont l-Artikolu 29 (4) tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999 li japplika għal dawn it-tliet każijiet li ġejjin. Il-metodoloġija tad-diskrepanza fil-finanzjament kienet minquxa fir-Regolament tal-2007-2013.

**49. L-ewwel inċiż**
Il-Kummissjoni tinnota li għal tmienja minn 15-il proġett awditjat fejn il-benefiċjarju wettaq valutazzjoni tad-diskrepanza fil-finanzjament, il-Qorti ma kellha l-ebda konklużjoni rigward id-dħul possibbli li kien iġġenerat band'oħra fi żviluppi oħra mwettqa mill-istess żviluppatur.

# RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

**49. It-tieni inċiż**
Il-valur tas-suq tal-art tabilħaqq jirrikjedi valutazzjoni indipendenti. Il-Kummissjoni tinnota li għal 22 mis-27 proġett awditjat, il-Qorti ma kellha l-ebda konklużjoni rigward din il-valutazzjoni.

**Kaxxa 8**
B'kunsiderazzjoni għall-ex minjiera tal-faħam/cokery (Sheffield, ir-Renju Unit), jekk jogħġbok, irreferi għat-tweġiba fil-kaxxa 7.

**Kaxxa 9**
Fir-rigward tal-ex minjiera miftuħa (Rotherham, UK), l-eliġibilità tal-art mixtrija għandha tkun ġiet evalwata f'termini tal-iskema ta' għajnuna mill-Istat skont ir-regola nru 5 (Regolament (KE) Nru 1685/2000). B'referenza għall-iskema ta' għajnuna mill-Istat, l-art kellha tkun ivvalutata bħala żero jew f'ċerti ċirkostanzi, bl-inqas mill-prezz tax-xiri attwali jew il-valur tas-suq.

B'kunsidrazzjoni tal-ex impjanti tal-azzar (Dortmund, DE), il-Kummissjoni sejra ssegwi din il-kwistjoni.

**50.**
Il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, kif imniżżel fl-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), huwa prinċipju gwida tal-politika ambjentali. Huwa kien indirizzat fil-livell tal-UE u l-individwi ma jistgħux jiddependu direttament fuq dan l-Artikolu tat-TFUE sabiex jeskludu l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali f'żona koperta permezz tal-politika ambjentali li għaliha ma hemm ebda leġiżlazzjoni tal-UE adottata abbażi tal-istess Artikolu[2]. Fi kliem ieħor, dan l-Artikolu huwa vinkolanti fil-livell tal-Istati Membri billi ġie implimentat permezz ta' atti sekondarji fil-livell tal-UE, pereżempju permezz ta' direttivi (eż. id-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali 2004/35/KE, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma 2000/60/KE, id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart 2008/98/KE, id-Direttiva dwar l-Iskart mill-Industriji tal-Estrazzjoni 2006/21/KE eċċ.).

Skont il-linji gwida Komunitarji dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-ħarsien ambjentali[3], jekk ma jkunx hemm tali att sekondarju fil-livell tal-UE, l-implimentazzjoni tal-prinċipju li min iniġġes iħallas huwa rilevanti safejn huwa definit fil-liġi nazzjonali applikabbli.

[2] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tad-9 ta' Marzu 2010 fil-kawża C-378/08, paragrafu 46.

[3] ĠU C 82, 1.4.2008, pp. 1-33.

**51.**
Minbarra l-kummenti dwar il-paragrafu 50, il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva Qafas dwar il-Ħamrija se tipprovdi għat-twaqqif ta' mekkaniżmu ekonomiku xieraq biex jiffinanzja l-investigazzjoni u r-riabilitazzjoni ta' "siti orfni" (jiġifieri siti kontaminati li għalihom, suġġett għall-prinċipju li min iniġġes iħallas, il-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għat-tniġġis ma tkunx tista' tiġi identifikata jew ma tkunx tista' tinżamm responsabbli taħt il-leġiżlazzjoni tal-UE jew nazzjonali jew ma tkunx tista' tiġi mġiegħla terfa' l-ispejjeż tal-investigazzjoni u r-riabilitazzjoni).

**53.**
Il-Kummissjoni taqbel li l-awtoritajiet tal-programm iridu jkunu viġilanti bil-ħsieb li jiġi mtaffi r-riskju deskritt.

**54.**
Kif muri mill-Qorti fil-paragrafi 53-55, il-proġetti awditjati ħabbtu wiċċhom ma' ħafna kumplessitajiet, b'mod partikolari fir-rigward ta' ftehimiet bejn il-bejjiegħa u l-iżviluppaturi tal-art imniġġsa.

**Kaxxa 10**
Fir-rigward tal-ex impjanti tal-azzar (Dortmund, DE), il-Kummissjoni sejra ssegwi din il-kwistjoni.

**55.**
Il-Kummissjoni dejjem tirrakkomanda valutazzjoni tal-valur tal-art (u tal-binjiet) minn evalwatur indipendenti kkwalifikat jew korp uffiċjali debitament awtorizzat (ir-Regola 5 tar-Regolament (KE) Nru 1685/2000).

**Kaxxa 11**
Fir-rigward tal-ewwel impjanti kimiċi (Widnes, ir-Renju Unit) u l-ex minjiera tal-faħam/cokery (Sheffield, ir-Renju Unit), il-Kummissjoni sejra ssegwi din il-kwistjoni.

B'kunsiderazzjoni tal-ex minjiera miftuħa (Rotherham, ir-Renju Unit), l-awtorità tal-ġestjoni għarrfet lill-Kummissjoni li ħadet passi biex tinforma lill-Aġenzija tad-Djar u l-Komunità (HCA, korp ġdid li għandu s-sjieda u r-responsabbiltà) b'dan il-każ.

# RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

**57.**
Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-inklużjoni ta' klawżola ta' rimborż fl-ittra tal-għotja maħruġa mill-awtorità ta' ġestjoni huwa każ ta' prassi tajba li tista' tiġi inkluża utilment mill-Istati Membri fir-regoli nazzjonali tagħhom.

Għall-perjodu ta' pprogrammar tal-2000-2006 l-Artikolu 29 (4) tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999 illimita l-kontribuzzjoni tal-UE lejn proġetti li jiġġeneraw dħul skont l-objettiv prijoritarju u s-settur tal-investiment. Għall-perjodu 2007-2013, l-Artikolu 55 (4) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jipprovdi gwida komuni dwar kif għandu jiġi ttrattat id-dħul li ma jkunux ġie kkunsidrat fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-proġett. Linji gwida addizzjonali dwar l-approċċ standardizzat lejn il-kalkolu tad-diskrepanza fil-finanzjament u proġetti li jiġġeneraw dħul kienu pprovduti fl-2008 skont l-Analiżi tal-Kost-Benefiċċju (gwida CBA), li tapplika għall-Istati Membri kollha iżda tista' tiġi adattata skont kondizzjonijiet nazzjonali speċifiċi. Għalhekk, xi Stati Membri ħarġu linji gwida CBA tagħhom, għalhekk jistgħu jiġu osservati xi differenzi bejn l-Istati Membri. Fil-bidu tal-perjodu tal-ipprogrammar 2007-2013 (COCOF 07/0074/09 u 08/0012/02) ġew ippubblikati noti ta' gwida ċari u kompluti għal proġetti li jiġġeneraw id-dħul.

**58.**
Il-Kummissjoni tqis li għal proġetti li d-dħul tagħhom ma jistax ikun mistenni jew ikkalkulat fi żmien l-approvazzjoni tagħhom, l-awtorità ta' ġestjoni għandu jkollha l-possibbiltà li tivverifika jekk id-dħul ġiex ġġenerat wara t-tlestija tal-proġett. Il-perijodu msemmi fir-Regolament huwa adegwat peress li jippreżenta bilanċ bejn il-bżonn biex jiġi rivedut id-dħul possibbli meta dan eventwalment iseħħ u l-istennija raġonevoli tal-awtorità ta' ġestjoni u l-benefiċjarji li jagħlqu proġetti darba li dawn jitlestew.

## KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

**59.**
Ir-riġenerazzjoni ta' siti industrijali u militari jew dawk abbandunati hija l-ewwel pass biex jissebbaħ ir-reġjun. Dan jikkostitwixxi prerekwiżit għall-iżvilupp ta' attivitajiet li joħolqu x-xogħol.

**60.**
Xi proġetti ffaċċjaw dewmien minħabba limitazzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi ekonomika u l-ħolqien tal-impjiegi huwa għan fuq żmien fit-tul ta' dawn il-proġetti.

**61.**
L-applikazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, fil-prattika hija sfida diffiċli. Ta' spiss ma jkunx possibbli li tobbliga lill-persuna jew lill-entità ġuridika li kienet oriġinarjament responsabbli għall-ikkawżar tat-tniġġis biex tħallas għar-rimedju peress li, f'ħafna każijiet, tali persuna jew entità legali ma tkunx għadha teżisti, jew tkun tista' turi li kkonformat mar-regoli applikabbli fiż-żmien tat-tniġġis.

**62.**
Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-inklużjoni ta' klawżola ta' rimborż fl-ittra tal-għotja maħruġa mill-awtorità ta' ġestjoni huwa każ ta' prassi tajba li tista' tiġi inkluża utilment mill-Istati Membri fir-regoli nazzjonali tagħhom.

# RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

**64.**
Iċ-ċertifikazzjoni titqies bħala prattika tajba. Madankollu, in-nuqqas ta' ċertifikazzjoni, u d-differenzi bejn il-valuri tal-iskrining nazzjonali tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija ma għandhomx jimplikaw awtomatikament li x-xogħol ta' dekontaminazzjoni u riġenerazzjoni ma sarx kif suppost. Il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva Qafas dwar il-Ħamrija (COM (2006) 232) tipprovdi għal definizzjoni ta' "sit kontaminat" u tirrikjedi l-istabbiliment ta' inventarju ta' siti bħal dawn fit-territorju nazzjonali tal-Istati Membri.

**65.**
L-iżviluppi tal-proġett dejjem iseħħu f'kuntest ta' inċertezzi ekonomiċi u t-tnaqqis tar-ritmu ekonomiku flimkien mat-tnaqqis tad-defiċit fuq livell nazzjonali għandu impatt fuq il-prijoritajiet ta' politiki pubbliċi.

Il-kunċett ta' "pjan integrat ta' żvilupp urban" huwa integrat fil-Linji Gwida Strateġiċi Komunitarji u fl-Artikolu 44 tar-Regolament (KE) Nru 1828/2006. L-istrument ta' inġinerija finanzjarja JESSICA jista' jiġi mmobilizzat f'qasam fejn ikun twaqqaf tali pjan. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 il-FEŻR jista' jappoġġja strateġiji integrati u sostenibbli li jittrattaw konċentrazzjoni għolja ta' problemi ekonomiċi, ambjentali u soċjali li jaffettwaw iż-żoni urbani, inklużi fost oħrajn, ir-riabilitazzjoni tal-ambjent fiżiku u l-iżvilupp mill-ġdid tas-siti abbandunati.

**Rakkomandazzjoni 1 lill-Istati Membri**
Il-Kummissjoni taqbel ma' din ir-Rakkomandazzjoni lill-Istati Membri, u diġà talbet għal approċċ integrat għall-iżvilupp mhux biss fil-Qafas Strateġiku tal-Komunità iżda wkoll fir-Regolament tal-Kummissjoni.

**Rakkomandazzjoni 1 (a) lill-Kummissjoni**
Il-Kummissjoni taqbel mar-rakkomandazzjoni tal-Qorti iżda tirrimarka li ppreżentat proposta għal Direttiva Qafas dwar il-Ħamrija (COM (2006) 232) fl-2006 li tintroduċi bażi legali li tipproponi standards tal-UE għad-definizzjoni ta' siti kkontaminati, ir-riskju li dawn jippreżentaw u l-metodoloġiji ta' rimedju.

Direttiva bħal din tarmonizza d-definizzjoni ta' "sit kontaminat" madwar l-UE u tintroduċi, fost oħrajn, l-obbligu għall-Istati Membri biex jirranġaw is-siti kkontaminati. Id-Direttiva tippermetti wkoll lill-Kummissjoni biex tadotta – jekk jinqala' l-bżonn u wara skambju ta' informazzjoni mal-Istati Membri - elementi tekniċi komuni tal-UE għall-evalwazzjoni tar-riskji ta' kontaminazzjoni.

Il-Kummissjoni tenfasizza li l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni speċifika tal-UE fuq il-ħamrija tistrieħ fuq il-koleġiżlaturi.

**Rakkomandazzjoni 1 (b) lill-Kummissjoni**
Is-siti abbandunati pjuttost ta' spiss jinsabu f'żoni urbani. Il-Kummissjoni diġà qed tippromwovi żvilupp sostenibbli urban integrat permezz tal-programmi prinċipali attwali. Dan l-approċċ se jissaħħaħ b'mod sinifikanti fil-perjodu 2014-2020 bir-rekwiżit li mill-inqas 5 % tal-allokazzjoni tal-FEŻR tal-Istati Membri jintefqu fuq azzjonijiet integrati għal żvilupp urban sostenibbli. L-iżvilupp urban integrat huwa wkoll promoss permezz tal-mutur tal-istrument finanzjarju JESSICA, li jirrikjedi l-istabbiliment ta' pjan integrat ta' żvilupp urban.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirrakkomanda bil-qawwa li l-Istati Membri jinkorporaw ir-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati bħala parti ewlenija tal-approċċ integrat tagħhom ta' żvilupp urban hekk kif ir-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati hija inkluża f'wieħed mill-erba' prijoritajiet ta' investiment speċifiċi għall-inħawi urbani.

**Tweġiba komuni għal §66 u §67**
Fatturi esterni li jinsabu barra r-responsabbiltà tal-awtoritajiet tal-programm, bħal ilġiem ta' baġits nazzjonali u/jew reġjonali u inċertezzi rigward is-sjieda tal-art, dejjem jinfluwenzaw l-eżekuzzjoni ta' proġetti ta' riġenerazzjoni.

Id-Direttiva Qafas dwar il-Ħamrija proposta (COM(2006) 232) tkun tirrikjedi lill-Istati Membri biex jidentifikaw is-siti kkontaminati madwar it-territorji tagħhom u jagħmlu dak l-inventarju pubbliku. Siti abandunati huma ta' spiss ikkontaminati u, għalhekk, jiġu wkoll identifikati.

**68.**
Il-kriterji tal-għażla għall-proġetti kkofinanzjati tal-FEŻR huma deċiżi mill-Kumitati tal-Monitoraġġ tal-programmi. Il-Kummissjoni tħeġġeġ li l-kriterji tal-għażla jinkludu kunċetti bħall-valur miżjud, il-valur għall-flus u s-sostenibbiltà ambjentali u tirrakkomanda li jiġu applikati l-aħjar prassi.

Il-Kummissjoni ħadet ukoll inizjattivi lil hinn mill-qafas legali biex tippromwovi prassi tajba pereżempju sabiex tiffavorixxi r-riabilitazzjoni ta' siti abbandunati żdingati minflok l-użu ta' siti f'maħdar u l-koordinazzjoni tal-użu tal-art.

# RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

**Rakkomandazzjoni 2 (b) lill-Istati Membri**
Il-Kummissjoni tfakkar li s-servizzi tagħha dan l-aħħar ppubblikaw dokument ta' ħidma tal-persunal (SWD (2012) 101 final/2) li fih "Linji gwida dwar l-aħjar prassi biex jiġi limitat, imtaffi jew ikkumpensat is-siġillar tal-ħamrija". Id-dokument jiddeskrivi approċċi li ġew implimentati fl-Istati Membri, inkluża l-prevenzjoni tal-konverżjoni ta' żoni ekoloġiċi u l-issiġillar sussegwenti ta' (parti minn) l-uċuħ tagħhom, u l-użu mill-ġdid ta' żoni diġà mibnija, eż. siti abbandunati.

**Rakkomandazzjoni 2 lill-Kummissjoni u l-Istati Membri**
Il-Kummissjoni ħadet inizjattivi lil hinn mill-qafas legali biex tippromwovi prassi tajba pereżempju li jiffavorixxu r-riabilitazzjoni ta' siti abbandunati żdingati minflok l-użu ta' siti f'maħdar u l-koordinazzjoni tal-użu tal-art.

**70.**
Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li fil-passat kien hemm xi dgħufijiet fl-istabbiliment ta' rati ta' għotjiet parzjalment minħabba wkoll il-qafas regolatorju. Għall-proġetti tal-2000-2006 li jiġġeneraw dħul nett sostanzjali, ġew stabbiliti rati massimi ta' kofinanzjament skont l-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nu1260/1999. Il-metodoloġija tad-diskrepanza fil-finanzjament kienet minquxa fir-Regolament tal-2007-2013.

**71.**
Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-inklużjoni ta' klawżola ta' rimborż fl-ittra tal-għotja maħruġa mill-awtorità ta' ġestjoni huwa każ ta' prassi tajba li tista' tiġi inkluża utilment mill-Istati Membri fir-regoli nazzjonali tagħhom. Madankollu, skont il-prinċipju ta' ġestjoni kondiviża, peress li l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni joħorġu d-deċiżjonijiet ta' għotja, għandhom ukoll jimmonitorjaw l-applikazzjoni tal-klawżola tar-rimbors peress li huma jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-proġetti.

Il-Kummissjoni tqis li għal proġetti li d-dħul tagħhom ma jistax ikun mistenni jew ikkalkulat fi żmien l-approvazzjoni tagħhom, l-awtorità ta' ġestjoni għandu jkollha l-possibbiltà li tivverifika jekk id-dħul ġiex ġġenerat wara t-tlestija tal-proġett. Il-perijodu msemmi fir-Regolament huwa adegwat peress li jippreżenta bilanċ bejn il-bżonn biex jiġi rivedut id-dħul possibbli meta dawn eventwalment iseħħu u l-istennija raġonevoli tal-awtorità ta' ġestjoni u l-benefiċjarji li tagħlaq proġetti darba li dawn jitlestew.

**72.**
Il-Kummissjoni tinnota li l-awtoritajiet tal-programm iridu jkunu viġilanti bil-ħsieb li jtaffu r-riskju deskritt marbut mal-ftehimiet kumplessi bejn min iniġġes, is-sidien tal-art u l-iżviluppaturi.

Il-Kummissjoni dejjem tirrakkomanda valutazzjoni tal-valur tal-art (u tal-binjiet) minn evalwatur indipendenti kkwalifikat jew korp uffiċjali debitament awtorizzat (ir-Regola 5 tar-Regolament (KE) Nru 1685/2000).

**73.**
Il-Kummissjoni taqbel li r-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat għandhom dejjem jiġu osservati mill-awtoritajiet nazzjonali peress li dawn jiffurmaw parti mill-obbligi regolatorji tal-Fondi Strutturali.

**Rakkomandazzjoni 3 (e) lill-Istati Membri**
Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-inklużjoni ta' klawżola ta' rimborż fl-ittra tal-għotja maħruġa mill-awtorità ta' ġestjoni huwa każ ta' prassi tajba li tista' tiġi inkluża utilment mill-Istati Membri fir-regoli nazzjonali tagħhom. Madankollu, skont il-prinċipju ta' ġestjoni kondiviża, peress li l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni joħorġu d-deċiżjonijiet ta' għotja, għandhom ukoll jimmonitorjaw l-applikazzjoni tal-klawżola tar-rimbors peress li huma jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-proġetti.

**Rakkomandazzjoni 3 (a) lill-Kummissjoni**
Dwar id-definizzjoni ta' prinċipji komuni għall-applikazzjoni tal-prinċipju li min iniġġes iħallas, il-Kummissjoni tqis li dawn il-prinċipji huma diġà fis-seħħ.

**Rakkomandazzjoni 3 (b) lill-Kummissjoni**
Il-Kummissjoni diġà qiegħda timplimenta r-rakkomandazzjoni tal-Qorti. Il-konformità mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat dejjem kien rekwiżit regolatorju. Fil-perjodu ta' pprogrammar 2007-2013, il-qafas regolatorju tal-Kummissjoni jirrikjedi li għandha tiġi meqjusa l-metodoloġija tad-diskrepanza fl-iffinanzjar. Bi qbil mal-Istati Membri, il-Kummissjoni pprovdiet noti ta' gwida ċari u kompleti għal proġetti li jiġġeneraw dħul fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni (COCOF 07/0074/09 u 08/0012/02).

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

**Rapport Speċjali Nru 23/2012**
**Il-Miżuri Strutturali tal-UE appoġġaw b'suċċess ir-riġenerazzjoni ta' siti industrijali u militari abbandunati?**

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2013 — 55 pp. — 21 × 29.7 cm

ISBN 978-92-9241-102-2
doi:10.2865/58152

## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

**Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea jew mid-delegazzjonijiet. Tista' tikseb id-dettalji tal-kuntatt mill-websajt (http://ec.europa.eu) jew billi tibgħat faks f'dan in-numru: +352 2929-42758.

**Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu).

**Abbonamenti bi ħlas (pereżempju s-serje annwali ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u r-rapporti fuq kawżi li hemm quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea):**

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm).

QJ-AB-12-024-MT-C

AKTAR U AKTAR SITI INDUSTRIJALI U MILITARI MITLUQA (HEKK IMSEJĦA SITI ABBANDUNATI) MADWAR L-EWROPA, LI ĦAFNA MINNHOM HUMA KONTAMINATI, JEĦTIEĠU RIĠENERAZZJONI. MIŻURI STRUTTURALI TAL-UE PPROMWOVEW IR-RIĠENERAZZJONI TA' SITI ABBANDUNATI GĦALL-ĦARSIEN TAS-SAĦĦA TAL-BNIEDEM U TAL-AMBJENT U GĦALL-MITIGAZZJONI TA' TIFRIX URBAN.

IL-QORTI VVALUTAT JEKK IL-PROĠETTI TA' RIĠENERAZZJONI FFINANZJATI MILL-UE LAĦQUX L-OBJETTIVI TAGĦHOM, JEKK L-IMMIRAR TAL-APPOĠĠ MILL-UE KIENX IBBAŻAT FUQ KRITERJI ROBUSTI U JEKK INKISBUX RIŻULTATI BIL-PREZZ L-AKTAR BAXX GĦALL-BAĠIT TAL-UE.

CURIA RATIONUM

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

ISBN 978-92-9241-102-2

9 789292 411022

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet